Nitolbu lil San Ġużepp Ħaddiem, biex jgħinna lkoll ngħixu kif imiss ir-rispett u l-ħarsien meħtieġ lejn il-ħajja u s-saħħa fuq il-postijiet tax-xogħol, kif ukoll biex niżguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom u jgħożżu l-mistrieħ meħtieġ għall-ġid tagħhom infushom u tal-familji tagħhom.

**Sptar Mater Dei**
**29 ta' April 2005**

# JUM MONDJALI
# TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI 2005
## Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

## Il-media fid-dinja tal-lum

Il-Knisja, fuq l-eżempju u l-kmand ta' Kristu, trid tħares lejn il-bniedem bħala l-qofol tal-ħolqien kollu. Il-messaġġ tal-Knisja huwa dejjem favur il-bniedem u d-dinjità tiegħu. Hija trid tgħallem u taħdem, akkost ta' kull sagrifiċċju, biex iġġib 'il quddiem il-ġid sħiħ tal-bniedem. Għalhekk, il-Knisja tifraħ u tapprezza kull żvilupp fit-teknoloġija li jġib dejjem iżjed 'il quddiem il-ħajja tal-bniedem.

Fost dawn il-progressi, ta' min isemmi, l-iżvilupp imgħaġġel fit-teknoloġija li għandha x'taqsam mal-media. Infatti, iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Mondjali tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali, minnha nfisha, turi kemm il-Knisja tagħraf u tapprezza l-importanza li l-mass media għandhom fil-ħajja u fid-dinja tal-lum.

### Il-ġid tal-bniedem

Il-kontribut li l-mass media jistgħu jagħtu għall-ġid tal-bniedem u l-ġid komuni huwa enormi u imprezzabbli. Il-mass media għandhom importanza kbira u qawwija. Għal bosta nies dawn huma gwida u ispirazzjoni fit-tfassil tal-ħajja personali, familjari u soċjali tagħhom. Il-Papa Pawlu VI stqarr li l-Knisja tkun qed tonqos quddiem Alla jekk ma tagħmilx użu minn dawn il-mezzi, li għandhom qawwa kbira.

Jekk qatt kien hemm bżonn ta' konferma kemm il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jafu jkunu strument, per eżempju, li jġib il-bnedmin flimkien, din il-konferma rajniha sseħħ matul l-agunija, il-mewt u l-funeral tal-maħbub Papa Ġwanni Pawlu II. Bis-saħħa tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, tmiem il-ħajja f'din id-dinja ta' dan il-Papa tant

maħbub, ġabet flimkien il-bnedmin kollha bħallikieku d-dinja kienet villaġġ wieħed f'pajjiż wieħed.

Din l-istess attenzjoni kbira fuq dak li kien qed jiġri fil-ħajja tal-Knisja Universali kompliet matul il-Konklavi għall-għażla tal-Papa l-ġdid u l-bidu tal-ministeru tiegħu.

Kif qal il-Papa Benedittu XVI lil eluf ta' nies tal-media f'laqgħa li kellu magħhom ftit jiem wara l-għażla tiegħu bħala Vigarju ta' Kristu, wieħed jista' jgħid li, grazzi għax-xogħol tan-nies tal-media, għal diversi ġimgħat l-attenzjoni tad-dinja kienet iffokata fuq il-ġrajjiet storiċi ta' importanza ekkleżjali distinta li kienu qed iseħħu fis-Santa Sede u l-Vatikan.

Kienet esperjenza dinjija ta' imħabba, ħbiberija u għaqda li fiha spikkaw, b'mod speċjali, iż-żgħażagħ — il-ġejjieni tal-Knisja u ta' l-umanità.

Nieħu gost ninnota li fl-impenn tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali biex iwasslu din l-esperjenza speċjali lil kulħadd taw sehemhom ukoll il-mass media tagħna fil-gżejjer Maltin. Apprezzajt ħafna nara l-ħeġġa u d-determinazzjoni li biha l-parti l-kbira tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali tagħna ħadmu biex jagħtu lill-poplu s-servizz li kien jistħoqqlu u li kien qed jistenna matul dawn il-ġrajjiet importanti u speċjali. Grazzi mill-qalb.

## Wirt imprezzabbli

Inħoss li l-imħabba li wrejna lejn il-Vigarju ta' Kristu fl-esperjenza tal-mewt ta' Papa u l-għażla ta' l-ieħor, issa jixraq li nsostnuha billi nfittxu u nħabirku biex nilqgħu u nħaddnu mill-aħjar li nistgħu t-tagħlim tagħhom.

Ġwanni Pawlu II ħallielna wirt imprezzabbli fix-xmara ta' tagħlim li tana dwar kull qasam tal-ħajja tal-bniedem, inkluż l-operat tal-mass media.

Wieħed mill-aħħar dokumenti li l-Papa Ġwanni Pawlu II laħaq ħareġ, infatti, hija Ittra Appostolika bl-isem "L-Iżvilupp Rapidu".

Ġwanni Pawlu II jiftaħ dan id-dokument b'dikjarazzjoni li fiha jgħid li l-iżvilupp mgħaġġel tat-teknoloġija fil-qasam tal-media ċertament huwa wieħed mis-sinjali tal-progress fis-soċjeta' tal-lum. Iqiegħed ukoll quddiem kulħadd il-programm tal-Knisja f'din ir-realtà. "Il-Knisja," jgħid Ġwanni Pawlu II, "mhux biss trid tuża l-mass media biex ixxerred il-Vanġelu imma, il-lum iżjed mill-bieraħ, trid tħabrek biex tintegra l-messaġġ tas-salvazzjoni fil-ċkultura l-ġdida' li dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni qawwija joħolqu u jamplifikaw. L-użu tat-teknika u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni ta' żmienna hija parti integrali fil-missjoni tal-Knisja f'dan it-tielet millennju."

Dan jitlob li dawk li jaħdmu fil-media jwettqu dmirhom l-ewwelnett billi jġibu 'l quddiem il-ġustizzja u s-solidarjeta' kif mitluba mill-viżjoni korretta ta' l-iżvilupp uman. Dan jitlob li l-ġrajjiet iridu jiġu rapportati ġenwinament u fedelment, biex ikun jista' jkun hemm forum ta' opinjonijiet duifferenti. Dan jitlob ukoll sens ta' responsabbilta' korroborata mill-verità u l-ġustizzja, u r-rispett lejn il-persuna.

Il-Knisja tagħraf u tapprezza li t-teknoloġija l-ġdida qed tkabbar u tifrex dejjem aktar l-opportunitajiet għall-komunikazzjoni. Eżempju ċar ta' dan huwa l-mod kif l-Internet mhux biss jipprovdi riżorsi għal aktar informazzjoni, imma jderri n-nies f'komunikazzjoni interattiva li, meta ssir sewwa, tista' tagħmel ħafna ġid. Nafu, infatti, li ħafna Nsara diġa' qed jagħmlu użu mill-Internet fl-impenn tagħhom biex jevanġelizzaw, jedukaw u jikkomunikaw.

Fl-istess ħin, flimkien ma' l-Internet, qed ikomplu u għandhom ikomplu jintużaw mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni, kif ukoll dawk tradizzjonali. Il-gazzetti ta' kuljum, dawk ta' kull ġimgħa, stazzjonijiet tar-radju u tat-tv u kull xorta ta' pubblikazzjonijiet oħrajn jibqgħu mezzi siewja ħafna fil-panorama totali tal-komunikazzjoni tal-Knisja.

## Responsabbilta' kbira

Il-mass media huma ġid li għandna nħarsuh u nġibuh 'il quddiem.

L-importanti, f'dan l-impenn, hu li nassiguraw li l-iżvilupp u l-progress

tal-media jkun wieħed pożittiv fis-servizz ta' l-ogħla ġid tal-bniedem u l-ogħla ġid komuni.

Din hija responsabbilta' ta' kull wieħed u waħda minna, quddiemnett in-nies li jridu jfasslu u jqegħdu fil-prattika l-etika u l-linji ta' gwida meħtieġa biex kull mezz ta' komunikazzjoni jintuża tassew u dejjem għall-ogħla ġid tal-bniedem u l-ogħla ġid komuni.

Kif jispjega Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Apostolika "l-Iżvilupp Rapidu", il-konnessjonijiet mill-qrib li l-media għandhom ma' l-ekonomija, il-politika u l-kultura, inisslu l-bżonn ta' sistema ta' maniġment li tkun kapaċi tissalvagwardja ċ-ċentralità u d-dinjità tal-persuna, il-primat tal-familja bħala unità bażika tas-soċjeta' u r-relazzjonijiet xierqa ta' bejniethom.

Fil-media lokali hemm ħafna li hu tajjeb. Dan jiena napprezzah.

Lil dawk li qed jagħmlu kull ma jistgħu biex jimxu u jmexxu lil ħaddieħor fit-triq tal-verità, id-dinjità, il-ġustizzja, is-solidarjeta' u l-paċi, inroddilhom ħajr.

Mill-banda l-oħra, pero', jiddispjaċini ħafna meta jseħħu każi fejn xi media jiġu wżati, per eżempju, biex bi strateġija fina l-opinjoni pubblika tiġi mbuttata lejn l-aċċettazzjoni ta' xi aġenda politika jew ekonomika partikolari, ukoll jekk dan ikun ifisser li jkunu se jiġu sagrifikati l-ogħla ġid tal-bniedem u l-ogħla ġid komuni.

Jiddispjaċini ħafna meta jseħħu każi fejn il-mira jkunu l-popolarità, l-udjenzi u l-qligħ tal-flus flok l-impenn biex il-bniedem ikun jista' jgħix dejjem aħjar skond ir-rieda tal-Ħallieq u d-dinjità li huwa jagħti lil kull bniedem.

Jiddispjaċini ħafna meta jseħħu każi fejn minflok ma jiġu mħarsa u promossi l-prinċipji u l-valuri li huma indispensabbli biex tinbena soċjeta' li tirrispetta tassew d-dinjità tal-persuna, jiġu promossi kummenti u mġibiet li jistgħu jinfluwenzaw ħażin il-kuxjenzi ta' l-individwi.

In-nies tal-media li huma nsara jridu jżommu dejjem quddiem

għajnejhom, bil-fatti, li l-veritajiet tal-fidi jridu jiġu ppreżentati u proposti b'umilta' skond it-tagħlim tal-Knisja u mhux b'mod pjuttost ta' 'ejja ħa mmorru', l-aqwa li jkollna programm li jqanqal il-kurżità u l-emozzjoni ħalli jikbru l-udjenzi.

Dan qed ngħidu b'insistenza għaliex jeħtieġ inżommu f'moħħna li qed ngħixu fi żminijiet, bħalma huma tagħna, fejn qed tikber id-drawwa żbaljata li dak li qabel konna nħarsu lejh bħala ċert, inqisuh bħallikieku spiċċa u mar.

## It-triq lejn il-ġejjieni

Hemm bżonn ta' formazzjoni kontinwa biex kull min imexxi jew iħaddem il-mass media jagħmel dan b'mod għaqli, responsabbli u sewwa.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li l-mass media għandhom influwenza kbira fuq qalb u moħħ in-nies, speċjalment dawk iżgħar fl-eta', kif ukoll fuq x'tip ta' relazzjonijiet jiżviluppaw bejn il-bnedmin.

L-Appostlu Missierna San Pawl, komunikatur kbir u l-Evanġelizzatur tal-Mediterran, jagħtina dan il-parir: "Warrbu minnkom il-gideb u għidu l-verità wieħed lill-ieħor, għax aħna ta' xulxin... Ebda kelma mhux xierqa m'għandha toħroġ minn fommkom, imma kliem sewwa li jedifika skond il-ħtieġa, kliem li jagħmel il-ġid lil min jisimgħu. (Efesin 4:25,29).

M'għandniex nibżgħu nieqfu sodi favur dak li hu sewwa. Ġesù, li huwa t-Triq, il-Verità u l-Ħajja, assigurana li hu jkun magħna dejjem.

Għandna wkoll il-garanzija ta' l-interċessjoni ta' Marija li ma tehda qatt tgħidilna: "Agħmlu dak li jgħidilkom Hu."

**Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

**06 ta' Mejju 2005**

# ĊELEBRAZZJONI TAL-VĠILI TA' GHID IL-ĦAMSIN
Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

## Knisja ħajja u żagħżugħa

Inġbarna flimkien lejliet il-festa ta' Pentekoste, jiġifieri l-Inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, biex inroddu ħajr lil Alla l-Missier u lil Ġesù Kristu li qam mill-imwiet, talli taw lill-Knisja d-don, ir-rigal ta' l-Ispirtu s-Santu li huwa t-Tielet Persuna tas-Santissima Trinità. Il-lejla lkoll qed intennu li aħna nemmnu fl-Ispirtu s-Santu, li bil-preżenza u l-qawwa tiegħu misterjuża jgħin lill-Knisja ta' Kristu.

Hija għalhekk għajn ta' kuraġġ u ferħ l-għajta li l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI għamel fil-Quddiesa tal-bidu tal-missjoni tiegħu, meta stqarr b'qawwa li, minkejja t-tfixkil, id-diffikultajiet u l-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom il-ħajja nisranija, il-Knisja hija ħajja u hija Knisja żagħżugħa.

Din hija l-għajta li qed inħossu ħierġa minn qalb kull wieħed u waħda minna l-lejla, miġburin flimkien f'għeluq is-sentejn mill-bidu tat-twettiq tas-Sinodu Djoċesan.

Il-lejla nħossu li għandna nistqarru pubblikament li l-Knisja f'Malta hija ħajja u żagħżugħa bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

### It-twettiq tas-Sinodu Djoċesan

Sentejn ilu, f'okkażjoni bħal din, fil-Vġili ta' Pentekoste, iċċelebrajna l-għeluq tas-Sinodu Djoċesan. Għall-Knisja f'Malta u s-soċjeta' ċivili f'Malta, is-Sinodu kien mhux biss ġrajja ta' importanza kbira, iżda fuq kollox kien grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu lilna lkoll biex aħna flimkien nemmnu dak li nistqarru u nfasslu ħajjitna fuq dak li nemmnu. Dakinhar tlabna biex bl-għajnuna ta' l-Ispirtu ta' Alla naraw b'mod tassew ċar it-triq li rridu nimxu flimkien biex naqdu aħjar il-missjoni tagħna ta' nsara responsabbli.

Sentejn ilu kien ukoll il-bidu tat-twettiq tas-Sinodu. Il-għan kien biex dak li għixna flimkien bħala Knisja u li ħdimna fuqu, inkunu nistgħu inwettquh fil-prattika.

Meta nħarsu lura lejn dawn is-sentejn nistgħu naraw kemm ħadem l-Ispirtu ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja. Il-ħidma ta' tant nies imħeġġin b'dedikazzjoni kbira f'diversi oqsma hija l-isbaħ xiehda.

Dan juri li l-impenn u l-ħidma biex jitwettaq is-Sinodu mhumiex iżjed ħolma, imma huma realtà, xiehda li t-twettiq tas-Sinodu qed isir. Il-Pjan tal-Knisja f'Malta "Nimxu Flimkien fid-Dawl tal-Mulej" qed juri t-triq li l-Knisja għandha timxi biex dak li ħareġ mis-Sinodu jsir realtà.

## Il-ħidma tkompli

Saret u qed issir ħidma kbira. Nistgħu nsemmu, fost l-oħrajn, il-ħidma fl-oqsma tal-familja, taż-żgħażagħ, ta' l-ambjent, tal-kultura, tal-ġustizzja u paċi u ta' qadi u solidarjeta' ma' dawk kollha li huma fil-bżonn. Din hi ħidma sfiqa għall-ġid tal-bniedem. Qed issir enfasi partikulari fuq iċ-ċelebrazzjoni ħajja ta' l-Ewkaristija, b'mod speċjali matul din is-sena ddedikata lill-Ewkaristija.

Qed tingħata importanza kbira lill-animazzjoni tal-fidi u lill-formazzjoni; irid jitwaqqaf l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, li għandu jipprovdi taħriġ utli għall-insara Maltin, biex jikbru fil-fidi u, bħala membri ħajjin tal-Knisja, jagħtu sehemhom fis-soċjeta' bħal melħ li jagħti t-togħma.

Il-ħidma ta' tiġdid li saret setgħet issir għax hawn insara li huma mmexxija mill-Ispirtu ta' Alla, li qalbhom mimlija b'Alla, li jfittxu mhux ir-rieda tagħhom imma r-rieda ta' Alla. Hu biss b'nies bħal dawn li tista' tiġġedded il-ħajja tal-Knisja f'Malta. Hemm ħafna ħidma li qed issir fil-kwiet u fis-skiet, mingħajr ħafna spettaklu, proprju kif jaħdem l-Ispirtu ta' Alla. Jeħtieġ li l-lum inħarsu lejn dak li hu pożittiv, niċċelebrawh u nirringrazzjaw lil Alla għalih.

It-twettiq tas-Sinodu hu bħal żerriegħa li, meta ssib art tajba, tikber u tagħmel il-frott, bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla. Nista' ngħid li din iż-żerriegħa sabet art tajba f'ħafna oqsma tal-Knisja u ġa qed tagħti frott.

**Tkompli l-mixja flimkien**

Il-mixja ta' tiġdid tas-Sinodu – il-mixja flimkien – trid tkompli fiż-żmien li ġej. Bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla, irridu negħlbu l-indifferenza, l-individwaliżmu, ir-reżistenzi li jxekklu l-ħidma ta' l-Ispirtu.

Jeħtieġ li f'ġurnata bħal din, nifhmu li aħna lkoll, imqanqlin mill-Ispirtu, għandna ngħinu fit-tiġdid tal-Knisja fid-dawl ta' dak li ġie propost mis-Sinodu.

Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nissaħħu fl-esperjenza nisranija, ngħixu b'impenn akbar il-Kelma f'ħajjitna, u nagħtu xiehda tagħha fl-għażliet li nagħmlu.

Jeħtieġ li nħallu l-Ispirtu s-Santu jqanqalna biex noffru s-sehem tagħna ħalli l-ħidma li għandha ssir fil-Knisja u mill-Knisja għall-ġid tal-bniedem, isseħħ permezz ta' l-impenn tagħna.

Jeħtieġ li nkomplu b'entusjażmu u b'enerġija ġdida din it-triq tat-twettiq tas-Sinodu ħalli nkunu dejjem Knisja ħajja u żagħżugħa.

**Parroċċa tan-Naxxar**

**14 ta' Mejju 2005**

Ċirulari Numru 477

# Ċelebrazzjoni Djoċesana fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin

**Is-solennità ta' Għid il-Ħamsin tfakkarna meta l-Knisja rċeviet id-don ta' l-Ispirtu s-Santu u ħarġet ixxandar l-Evanġelju**

Għalhekk hija x-xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li bħal snin oħra fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin aħna l-insara Maltin ninġabru flimkien f'ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lill-Mulej Alla, li permezz ta' l-Ispirtu Tiegħu qed ikompli jġedded il-Knisja, ukoll f'Malta. Din is-sena t-tema hija "Flimkien fi Knisja Mġedda bil-Qawwa ta' l-Ispirtu".

Monsinjur Arċisqof iħeġġeġ lil kull min jista' biex jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni djoċesana li se ssir nhar is-Sibt 14 ta' Mejju 2005, fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Il-qofol ta' din iċ-ċelebrazzjoni tkun quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Arċisqof li tibda fit-8.00 p.m.. Fis-7.30 p.m. jibda l-programm ta' animazzjoni.

Is-saċerdoti huma mħeġġa biex jikkonċelebraw f'din l-okkażjoni (iġibu magħhom alba u stola ħamra). Monsinjur Arċisqof irid li nhar is-Sibt 14 ta' Mejju 2005, l-aħħar quddiesa li tkun iċċelebrata fil-knejjes jew fil-komunitajiet tkun spiċċat sas-7.00 p.m., ħlief għall-każijiet taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ.

M'għandux ikun hemm ċelebrazzjonijiet jew attivitajiet oħra reliġjużi fil-ħin taċ-ċelebrazzjoni djoċesana dak in-nhar. Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Mejju 2005.

✠ Annetto Depasquale
Isqof Awżiljarju

Mons. Carmel Zammit
Vigarju Ġenerali
Kanċellier

Ċirkulari Numru 478

---

## Talbiet għal ġbid ta' xeni f'postijiet sagri

Ilhom għal xi snin isiru produzzjonijiet televiżivi lokali u dokumentarji illi kultant jinvolvu li jinġibdu xeni f'postijiet Sagri, bħal knejjes, kappelli u ċimiterji. Din il-materja ġiet diskussa mal-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi u mal-Kulleġġ tal-Kappillani.

Il-Kurja u l-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi jaqblu illi għalkemm il-Knisja hija dejjem lesta li tikoopera, qed jinħass il-bżonn li qabel ma joħroġ il-permess mill-Awtoritajiet tal-Knisja biex jinġibdu xi xeni f'postijiet sagri, l-istess Awtoritajiet ikunu infurmati dwar l-iskript tal- produzzjoni relattiva, b'mod speċjali tax-xeni li se jinġibdu fuq il-propjeta' tal-Knisja.

Din l-informazzjoni għandha tasal fil-Kurja ta' l-Arċisqof għallinqas xahar qabel ma jkun maħsub li jsir il-ġbid tax-xena biex ikun hemm ħin biżżejjed għall-istudju ta' l-iskript u biex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-permess u l-kundizzjonijiet relevanti.

Għalhekk il-Kappillani, Retturi ta' knejjes, Superjuri Reliġjużi u Prokuraturi huma mitluba li meta jkollhom talba dwar il-ħrug ta' permess biex jinġibdu xi xeni f'lokalitajiet li huma propjeta' tal-knisja, u li tagħhom huma responsabbli, huma għandhom jitolbu lill-Awtoritajiet tal-Knisja dwar l-għotja ta' dan il-permess. Dan il-permess m'għandhomx jagħtuh qabel ma l-iskript tal-produzzjoni relattiva jkun ntbagħat il-Kurja biex jigi studjat u ikun hemm risposta posittiva mill-Kurja jew mis-Superjuri Maġġuri għat-talba dwar il-permess rikjest.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Mejju 2005.

✠ Annetto Depasquale
Isqof Awżiljarju

Mons. Carmel Zammit
Vigarju Ġenerali
Kanċellier

Ċirkulari Numru 479

## Offerta għall-Papa 2005

Lir-Rev. Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

Fil-Quddies kollu li jiġi ċelebrat fil-knejjes ta' l-Arċidjoċesi tagħna nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd 25 u 26 ta' dan ix-xahar sejra ssir il-ġabra magħrufa bħala l-"Offerta ta' San Pietru".

B'din il-ġabra ngħinu lill-Papa biex ikun jista' jsaħħaħ u jifrex dejjem aktar il-ħidmiet tiegħu ta' Ragħaj tal-Knisja Universali permezz ta' għotjiet ta' Karità mad-dinja kollha ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra.

Nixtiequ nħeġġu lil kulħadd biex fil-ġabra nkunu ġenerużi kif dejjem konna. B'hekk inkunu wkoll nuru l-għaqda tagħna mal-Qdusija Tiegħu l-Papa u naqdu dmirna ta' karità lejn ħutna fil-bżonn.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 13 ta' Ġunju 2005.

✠ Annetto Depasquale
Isqof Awżiljarju

Mons. Carmel Zammit
Vigarju Ġenerali
Kanċellier

# JUM IL-FAMILJA 2005
## Messaġġ tal-Kummissjoni Djoċesana Familja

---

Fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Familja 2005 (15 ta' Mejju), il-Kummissjoni Djoċesana Familja tinnota li fi żmien u f'soċjeta' fejn il-familja qiegħda tinbidel b'rata tant mgħaġġla, il-valuri tal-familja ma jinbidlu qatt. Anzi, forsi qatt ma kellna daqshekk dover li nsaħħu l-valuri tal-familja fost il-ġenerazzjonijiet li għadhom tilgħin daqskemm għandna bħalissa. L-imħabba u l-għożża, ir-responsabbilta', is-solidarjeta' huma s-sisien li fuqhom tinbena l-familja u s-soċjeta'.

Għalhekk, il-Kummissjoni Djoċesana Familja tħeġġeġ mhux biss li jitwettaq is-sillabu tar-Reliġjon f'kull livell, l-aktar fejn hemm enfasi fuq il-valuri tal-familja, iżda wkoll li l-għalliema kollha jiġu ffurmati u mħarrġa biex iwasslu messaġġi pożittivi dwar il-familja l-ħin kollu u jkun x'ikun is-suġġett tagħhom.

Id-dinja saret pajjiż wieħed u kulħadd jammetti li rridu naħdmu bis-sħiħ biex insaħħu l-familja u nipproteġuha minn elementi li qed jagħmlu minn kollox biex ifarrkuha. Xi pajjizi introduċew suġġett ġdid għat-tfal fl-iskejjel sekondarji, suġġett li qed jagħmel ħafna ġid u li jissejjaħ Family Science. Aħna, hawn Malta, għandna diġa' l-bażi f'suġġetti bħal-PSD (Personal and Social Development) u l-PDP (Personal Development Programme), iżda żgur li jeħtieġ li jsir ħafna aktar u dan fuq bażi nazzjonali koordinata.

**Marselle u Servolo Delicata**
**(Koppja President KDF)**

**13 ta' Mejju 2005**

# DIKJARAZZJONI TA' L-ARĊISQOF DWAR TAGĦLIM ŻBALJAT

Dan l-aħħar kien hemm min esprima ruħu favur li l-gvernijiet jintroduċu ż-żwiġijiet bejn persuni ta' l-istess sess.

Irid jingħad ċar li l-liġijiet li jippermettu ż-żwiġijiet bejn persuni ta' l-istess sess huma kontra l-Liġi ta' Alla u għalhekk qatt ma jistgħu jkunu aċċettabbli għall-Knisja.

Liġijiet bħal dawn ikunu attentat gravi kontra l-familja mibnija fuq iż-żwieġ bħala għaqda dejjiema ta' mħabba u ]ajja bejn raġel u mara, li minnha toħroġ b'mod naturali l-ħajja. Iċ-ċaħda ta' din il-verità antropoloġika fundamentali u elementari twassal għall-qerda tan-nisġa soċjali. Li xi ħadd jagħraf għaqdiet bejn omosesswali daqslikieku huma l-istess bħal għaqdiet matrimonjali jfisser biss tħarbit ta' l-aspirazzjoni profonda tal-popli fl-identità l-iżjed intima tagħhom.

Ladarba ż-żwieġ bejn persuni ta' l-istess sess huwa kontra l-Liġi ta' Alla u wkoll kontra l-Liġi tan-natura, lanqas ma jista' jiġi mbierek mill-Knisja jew minn xi ħadd fil-Knisja. Dan għaliex it-tberik isir f'isem Allla, u Alla ma jistax jiġi mitlub ibierek dak li huwa kontra l-Liġi tiegħu.

**24 ta' Mejju 2005**

# STQARRIJIET OĦRA TAL-KURJA

## LAQGĦA FIL-MELLIEĦA GĦALL-OMMIJIET TAL- MISSJUNARJI FL-OKKAŻJONI TA' JUM L-OMM

Is-Segretarjat għas-Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi li qegħdin jaħdmu għall-Knisja bogħod minn Malta, għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm ta' din is-sena se jlaqqa' lill-ommijiet tal-missjunarji, akkompanjati minn membri tal-familja tagħhom, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, il-post fejn il-Papa Ġwanni Pawlu II kien iltaqa' magħhom fl-1990.

Din il-ħarġa flimkien għall-ommijiet tal-missjunarji se ssir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Mejju mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m. Il-karozzi li se jwasslu lill-ommijiet l-Mellieħa se jitilqu minn Bieb il-Belt u mill-Pjazza tal-Birgu fit-3.00 p.m. u jgħaddu minn diversi ċentri.

Il-programm jinkludi laqgħa ta' talb, fl-4.15 p.m., fil-pjazza ta' ħdejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, fejn il-qraba tal-missjunarji kienu ltaqgħu mal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Mejju 1990. Wara, il-grupp imur għal te' flimkien fis-Sala tal-Patrijiet Frangiskani, San Pawl il-Baħar.

Ikun preżenti Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Dawk li jixtiequ jattendu huma mitlubin jiksbu aktar tagħrif u l-biljetti minn Dar l-Emigrant (ħdejn il-Barrakka ta' Fuq), Misraħ Kastilja, Valletta. (Tel: 21222644, 21240255, 21232545).

**KUMMISSJONI EMIGRANTI**

**03 ta' Mejju 2005**

# ĊELEBRAZZJONI TAL-VĠILI TA' GĦID IL-ĦAMSIN

Iċ-ċelebrazzjoni djoċesana tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin (Pentekoste) din is-sena se ssir nhar is-Sibt, 14 ta' Mejju, fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar, fit-8.00 p.m.

Is-solennità ta' Għid il-Ħamsin tfakkar meta l-Knisja, fil-bidu tagħha, irċeviet id-don ta' l-Ispirtu s-Santu u ħarġet ixxandar l-Evanġelju.

Ċirkulari tal-Kurja ta' l-Arċisqof tħeġġeġ lill-Insara Maltin biex, fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin, jinġabru flimkien f'ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lill-Mulej Alla, li permezz ta' l-Ispirtu Tiegħu qed ikompli jġedded il-Knisja f'Malta.

Din is-sena t-tema hija "Flimkien fi Knisja Mġedda bil-Qawwa ta' l-Ispirtu".

Il-programm tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin jibda fis-7.30 p.m. b'fażi ta' animazzjoni. Il-qofol taċ-ċelebrazzjoni tkun quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fit-8.00 p.m.

**09 ta' Mejju 2005**

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DJOĊESANA AMBJENT DWAR L-IŻVILUPP FIL-WIED TAL-KALKARA

Il-Kummissjoni Ambjent, imwaqqfa fi ħdan is-Segretarjat Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, tixtieq tesprimi t-tħassib u s-sogħba tagħha għall-iżvilupp li qiegħed jitwettaq fil-Wied tal-Kalkara. Dan l-iżvilupp, li għandu l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati, speċjalment tal-Awtorità Maltija ta' l-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA), qajjem furur u kontroversja kemm fin-nies tal-post kif ukoll f'Malta kollha meta tressaq għall-attenzjoni tal-pubbliku fl-2000 u 2001. F'Jannar tal-2002, il-MEPA ħarġet dokument bl-isem "Kalkara Valley Replanning Exercise, Grand Harbour Local Plan: Public Consultation Issues Report" fejn fih ġabret sintesi ta' l-oġġezzjonijiet li tressqu mill-pubbliku u minn diversi għaqdiet volontarji, kif ukoll ir-risposti ta' l-istess MEPA għal dawn l-oġġezzjonijiet. Fi ftit kliem, dawn l-oġġezzjonijiet kienu rifjutati u f'dawn l-aħħar jiem assistejna għall-qerda ta' numru ta' siġar tal-post sabiex jagħmlu l-wisgħa għall-iżvilupp ippjanat.

Minkejja li l-Kummissjoni Ambjent ma kenitx għadha twaqqfet meta ttieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp tal-Wied tal-Kalkara, u għalhekk ma setgħetx issemma' leħinha dwar dan il-pjan, hi xorta waħda jiddispjaċiha li filwaqt li f'Malta beda l-proċess għat-tħejjija ta' strateġija nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, fl-istess ħin għadu jsir żvilupp li mhux sensittiv biżżejjed għall-bżonnijiet ambjentali u soċjali tas-siti li fihom ikun se jsir. Fi gżira żgħira bħal Malta, kull tip ta' żvilupp se jkollu impatt qawwi fuq in-nisġa soċjali kif ukoll fuq l-ambjent naturali ta' pajjiżna. Għalhekk, kull żvilupp għandu jimbena madwar sett ta' valuri li jirrispettaw lid-dinjità tal-bniedem u n-nisġa naturali li minnha jagħmel parti. L-interessi ekonomiċi m'għandhom qatt jitpoġġew qabel l-interessi tas-soċjeta' li l-istess żvilupp suppost jiżgura. Il-qerda ta' spazji ħodor, aktar u aktar ta' siġar li huma protetti mil-liġi, fil-qalba ta' komunitajiet urbani (i.e. ir-reġjun tal-port) għandu jitqies ukoll bħala affront fuq il-kwalità tal-ħajja tal-komunità tal-lokal.

Waqt li issa huwa tard wisq sabiex insalvaw din il-parti tal-Wied mill-qerda ambjentali li għaliha qed nassistu, xorta l-Kummissjoni tħoss li s-

soċjeta' Maltija, inklużi l-awtoritajiet konċernati, għandhom x'jitgħallmu minn dan il-fatt ta' swied il-qalb.

L-ewwelnett, dan kien każ ċar fejn in-nies tal-post irreaġixxew kważi għalenija għaliex intebħu li, lil hinn minn dak li tgħid il-liġi (bħal ngħidu aħna t-Temporary Provisions Schemes tal-1988 Local Plans, ećċ, ećċ), jibqa' l-fatt li dan l-iżvilupp imur kontra l-ambjent naturali tal-post. Il-MEPA setgħet uriet ħafna aktar sensibbilta' lejn din ir-realtà u lejn ix-xewqa tan-nies tal-post sabiex jipproteġu l-ftit abitat naturali li fadlilhom, u mhux tinħeba wara l-fatt li skond deċiżjonijiet li ttieħdu qabel (f'dan il-każ, l-iżvilupp ta' parti minn dan il-wied), dawn għandhom ikunu implimentati minkejja xi żviluppi ta' ċirkustanzi ġodda. Żvilupp sostenibbli li hu sensittiv għandu jkun lest li jimmodifika ruħu skond ċirkustanzi ġodda li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, inkluż is-sensibilta' ġdida tan-nies tal-post.

Studju xjentifiku li għamlet in-Nature Trust wera l-importanza ekoloġika u xjentifika tal-post. Madankollu, il-MEPA qagħdet fuq studju qasir li għamlet il-MEPA stess (li l-awturi stess jammettu li sar fis-sajf wara perijodu twil ta' nixfa u li allura ma setgħax jagħti stampa vera tal-karatteristiċi kollha tal-veġetazzjoni tal-post). Dan l-istess studju wera li hemm numru kbir ta' siġar u li partijiet minn dan il-wied jistgħu jservu sabiex tkun stabbilita fih dik il-komunità ta' pjanti msejjħa makkja, dejjem jekk iċ-ċirkustanzi tal-post u l-bniedem, jagħtuha ċ-ċans tagħmel dan. Il-MEPA setgħet għażlet li dan iċ-ċans iżżidu, billi twaqqaf kull żvilupp f'dan il-wied. Minflok, il-MEPA għażlet mod ieħor. Għall-Kummissjoni dan huwa eżempju ċar fejn il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi għelbu 'l dawk ambjentali, xjentifiċi u soċjali.

Għalhekk, il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni illi dan l-iżvilupp fil-Wied tal-Kalkara bl-ebda mod ma jgħin lin-nies tal-post jew lill-ftit ambjent naturali li għad fadal. L-uniku ftit nies li se jgawdu huma l-iżviluppaturi bil-flus li se jdaħħlu minn dan il-proġett. Wara kollox, anke dan il-gwadann għandu jitqies bħala wieħed mhux fit-tul. Dan l-iżvilupp ma jista' bl-ebda mod jitqies bħala wieħed sostenibbli. B'xi mod x'imkien sar żball jew diversi żbalji fil-proċess ta' konsultazzjoni, u ta' kif ittieħdu d-deċiżjonijiet. Il-ħasra hi li, sakemm ma jkunx hemm revokazzjoni tad-

deċiżjoni li ttieħdet, l-ambjent naturali tal-Wied tal-Kalkara u r-residenti tal-lokalità se jkollhom iġorru l-piż ta' dawn l-iżbalji.

Nisperaw li l-proċess ta' kif nimmaniġjaw ir-riżorsi ambjentali tagħna u kif naslu għal għażliet u deċiżjonijiet, ikun ferm aktar matur u għaqli fil-ġejjieni, sabiex is-sagrifiċċju tal-Wied tal-Kalkara ma jkunx sar għal xejn.

**13 ta' Mejju 2005**

## DIKJARAZZJONI TA' L-AWTORITAJIET TAL-KNISJA

L-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta jiddikjaraw li huma m'għandhom assolutament ebda konnessjoni ma' l-assoċjazzjoni msejħa "Place God First", fil-qosor magħrufa wkoll bħala "PG 1st Foundation".

**25 ta' Mejju 2005**

# IL-CATHOLIC ENQUIRY CENTRE JIFREX IS-SERVIZZI TIEGĦU

Il-Catholic Enquiry Centre (CEC), li jopera fi ħdan il-Kummissjoni Emigranti, qed ikompli jifrex il-ħidma tiegħu, fost ħwejjeġ oħrajn, biex joffri għajnuna dejjem aħjar lil dawk il-Maltin li huma miżżewġin ċivilment ma' Maltin oħra jew ma' Barranin u jixtiequ jirranġaw (jikkonvalidaw) iż-żwieg tagħhom fil-Knisja.

Il-CEC għandu nies imħarrġa apposta biex jisimgħu u jgħinu lil dawk li jixtiequ li xi ħadd jisma' l-problema tagħhom u jgħinhom jirrangaw iż-żwieġ tagħhom fil-Knisja.

Il-CEC innota li mill-2,546 żwiġijiet ċelebrati fil-Knisja fis-sena 2004, 52 minnhom kienu konvalidazzjonijiet ta' żwiġijiet li kienu saru ċivilment qabel.

Fi studju li l-CEC għamel fuq is-suġġett, irriżultalu li l-għadd ta' żwiġijiet ċivili ta' Maltin ma' Maltin u ta' Maltin ma' Barranin naqas minn 422 fl-2003 għal 320 fl-2004. Irriżultalu wkoll li l-għadd ta' nazzjonalitajiet ta' ġuvintur u tfajliet li l-Maltin tħalltu magħhom bi żwieġ matul is-sena 2004 kien 54. Barra minn hekk, ġie stabbilit li l-ogħla ċifri ta' ġuvintur Barranin li jiżżewġu tfajliet Maltin baqgħu dawk kuntratti ma' Libjani (39) u Sirjani (20). L-ogħla numru ta' nisa Barranin li żżewġu ma' Maltin kien dak ma' Russi (47).

Ħidma oħra tal-CEC hija li jilqa' u jisma' wkoll lil dawk li għandhom tfal barra ż-żwieg u jixtiequ li dawn jiġu mgħammdin.

Il-ħinijiet ta' l-uffiċċju tas-CEC f'Dar l-Emigrant, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, huma: 9.00a.m.-12.30 u 3.30 - 6.00p.m. Tel. 21222644 / 21240255 / 21232545.

**27 ta' Mejju 2005**

## KUMMISSJONI KULTURA

# Ir-rabta bejn l-Arti u r-Reliġjon

Il-Kummissjoni Kultura mwaqqfa fi ħdan is-Segreterija Pastorali tal-Knisja f'Malta tinnota b'sodisfazzjon in-numru ta' inizjattivi kulturali li qed iseħħu f'għadd ta' parroċċi lokali u li qed jgħinu biex tiġi enfasizzata r-rabta li teżisti bejn ir-Reliġjon u l-Arti.

Dawn l-attivitajiet, li jvarjaw minn symposia għal wirjiet artistiċi, minn kunċerti għal proġetti ta' restawr qed iservu biex iressqu flimkien lil dawk kollha interessati li jigglorifikaw il-kobor ta' Alla kif rifless fil-qawwa kreattiva tal-bniedem.

Għalhekk il-Kummissjoni Kultura, waqt li tifraħ lil min diga' ta l-kontribut validu tiegħu f'dan il-qasam, tħeġġeġ biex parroċċi, għaqdiet u individwi oħra jimxu fuq l-istess passi biex tkompli tissaħħaħ ir-rabta bejn l-Arti u l-ispiritwalità. Attivitajiet bħal dawn jistgħu anke jiffurmaw parti miċ-ċelebrazzjonijiet li l-parroċċi jorganizzaw fl-okkażjoni tal-festi parrokkjali.

**21 ta' Ġunju 2005**

# FESTA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL FIL-KATTIDRAL

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl fil-Kattidral, l-Imdina, nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju, issir it-Translazzjoni tar-Relikwiji ta' San Pietru u San Pawl. Il-funzjoni tibda fis-6.45 p.m., wara li tintemm il-Quddiesa tas-6.00 p.m. Ikun hemm ukoll Għasar Pontifikali u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Nhar il-Festa, l-Erbgħa, 29 tax-xahar, fis-7.30 a.m. ikun hemm il-Kant tat-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum. Fit-8.00 a.m. tiġi ċelebrata Quddiesa. Fit-8.30 a.m. issir Proċessjoni għall-Knisja Arċipretali ta' San Pawl tar-Rabat u lura lejn il-Kattidral. Fl-9.45 a.m. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca jmexxi Quddiesa Pontifikali, flimkien mal-membri tal-Kapitlu.

Filgħaxija, fil-5.00 p.m. jibda l-Għasar. Wara jkun hemm Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-6.00 p.m. tibda Quddiesa.

**22 ta' Ġunju 2005**

# IR-RELIKWIJA TAL-BEATU NAZJU FALZON FIL-KAPPELLA TA' L-ISPTAR SAN LUQA

Għall-okkazjoni tal-festa tal-Beatu Nazju Falzon, li tiġi ċelebrata nhar l-1 ta' Lulju, ir-relikwija tiegħu se tkun għall-qima fil-kappella ta' l-Isptar San Luqa.

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, fit-8.00 a.m., il-Gwardjan tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, Ta' Ġieżu, Valletta, se jwassal ir-relikwja tal-Beatu Nazju Falzon mill-Knisja ta' Ġieżu, fejn tinsab, sal-kappella ta' l-Isptar San Luqa, fejn tibqa' esposta għall-qima tal-morda u qraba tagħhom sal-5.00 p.m. ta' l-għada, il-Ġimgħa.

Nhar il-Ġimgħa, fil-5.30p.m., ir-relikwija tittieħed fil-Knisja tal-Ġiżwiti, Triq Merkanti, Valletta - il-knisja fejn Nazju Falzon waqqaf il-Kongregazzjoni għall-baħrin u suldati Inglizi. Hemmhekk isir it-Tesserament tal-membri tal-"Catholic Enquiry Centre". Wara ssir Mixja għall-knisja tal-Patrijiet Frangiskani Minuri, Ta' Ġieżu, fejn fis-6.15p.m. ikun hemm Quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Arċisqof Paolo Giglio

**27 ta' Ġunju 2005**

# IL-PAPA BENEDITTU XVI JIPPREŻENTA L-KOMPENDJU TAL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA

## Żewġ membri tal-MUSEUM mistiedna għall-okkażjoni

Nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2005, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI se jippreżenta l-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika lil diversi rappreżentanti ta' kategoriji diversi fosthom żewġ katekisti Maltin membri tas-Socjeta' tad-Duttrina Nisranija MUSEUM.

Iż-żewġ soċji, Vincent Balzan u Josette Spiteri, ġew mistiedna biex jattendu għaċ-ċerimonja li se ssir fis-Sala Clemetina tal-Palazz Apostoliku ġewwa l-Vatikan u li tibda fil-11.00 am. Wara mument ta' talb, il-Papa mistenni jagħmel diskors dwar il-Kompendju. Imbagħad għandu jippreżenta kopja tiegħu bit-Taljan lil diversi persuni mistiedna appositament.

Il-Kompendju huwa sintesi tat-tagħlim fundamentali tal-Knisja Kattolika u jikkonsisti f'598 mistoqsija u tweġiba mqassmin skond il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika li ġie promulgat mill-mibki Qaddej ta' Alla Ġwanni Pawlu II, fl-1992.

Il-Kompendju mistenni jkun strument utli fil-katekeżi u fil-formazzjoni ta' l-Insara Kattoliċi kif ukoll għodda tajba għall-evanġelizzazzjoni. Bħalissa qegħdin jiġu preparati t-traduzzjonijiet tiegħu għal-lingwi maġġuri. Huwa ttamat li ma jdumx ma ssir ukoll it-traduzzjoni bil-Malti.

L-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex qed jilqgħu bil-ferħ il-Kompendju tal-Katekiżmu, li fih jaraw rigal kbir tal-Provvidenza. L-Isqfijiet qed jieħdu l-opportunità biex jesprimu l-gratitudni tal-poplu Malti u Għawdxi kollu għall-ħidma kbira li jwettqu l-katekisti f'dawn il-gżejjer. Huma jħeġġu lill-kattoliċi kollha biex iħabirku għall-formazzjoni nisranija b'impenn u b'kuraġġ.

**27 ta' Ġunju 2005**

# KUNGRESS EWKARISTIKU NAZZJONALI

## FL-OKKAŻJONI TAS-SENA TA' L-EWKARISTIJA

Fl-okkażjoni tas-Sena ta' l-Ewkaristija, l-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex se jorganizaw Kungress Ewkaristiku Nazzjonali li jilħaq il-quċċata tiegħu b'ċelebrazzjoni fuq il-Fosos tal-Floriana, nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju 2005, fis-7.30 p.m. bis-sehem ta' l-Isqfijiet.

Il-programm ta' l-attivitajiet f'Malta jiftaħ uffiċjalment nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, b'Quddiesa fil-KonKattidral ta' San Ġwann fis-6.00 p.m. Wara l-Quddiesa ssir purċissjoni li tgħaddi minn Pjazza San Ġwann, Triq il-Merkanti, Triq Nofsinhar, Triq ir-Repubblika, Triq l-Arċisqof, Triq il-Merkanti u lura għall-Pjazza San Ġwann. Hemmhekk tingħata l-barka Sagramentali. Mistiedna speċjali se jkunu l-komunitajiet kollha tal-belt Valletta u rappreżentanza minn kull parroċċa li tinkludi tifel/tifla tal-preċett u l-ġenituri, ministru straordinarju tat-tqarbin, rappreżentant tal-abbatini, rappreżentant tal-fratellanza tas-sagrament u rappreżentant tal-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali.

### Laqgħat għas-saċerdoti, reliġjużi nisa u lajċi

Il-Kungress f'Malta jkompli b'sitt ta' laqgħat għas-saċerdoti, reliġjużi nisa u lajċi fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, tal-Virtu', mit-Tnejn, 30 ta' Mejju, sal-Ħamis, 2 ta' Ġunju. Il-laqgħat għas-saċerdoti jkunu fit-30 u l-31 ta' Mejju filgħodu, għar-relużjużi nisa fit-30 u l-31 ta' Mejju filgħaxija, u għal-lajċi fl-1 u t-2 ta' Ġunju filgħaxija. Il-kelliem mistieden se jkun Don Maurizio Barba, saċerdot Taljan li sa mill-1999 huwa uffiċjal tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u għad-Dixxiplina tas-Sagramenti, u li fl-2002 beda jgħallem fl-Istitut Liturġiku, Ruma.

It-Tnejn, 30 ta' Mejju, filgħodu jkun hemm attività għas-saċerdoti, waqt li filgħaxija ssir attività għar-reliġjużi nisa. Il-programm ta' filgħodu, li jkun bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar, jinkludi taħdita minn Don Maurizio

Barba dwar "La novità della terza edizione tipica del Messale Romano". Ikun hemm ukoll DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta u tinfetaħ wirja ta' arti kontemporanja dwar l-Ewkaristija. Il-programm ta' filgħaxija, li jkun mill-5.30 p.m. sat-8.00 p.m., jinkludi talb animat mis-Soċjeta' tal-MUSEUM u l-kor tas-Sorijiet Agostinjani, taħdita minn Don Barba dwar "L'Eucaristia culmine e fonte della vita consacrata" bi traduzzjoni fil-Malti, kant mis-Sorijiet Agostinjani u DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta.

It-Tlieta, 31 ta' Mejju, ikun hemm żewġ attivitajiet ukoll. L-attività ta' filgħodu, li tkun għas-saċerdoti, tinkludi taħdita minn Don Barba dwar "Partecipazione attiva nei riti d'ingresso, di offertorio e di comunione", ħin għal mistoqsijiet u qsim ta' esperjenzi. L-għeluq isir minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Il-programm ta' filgħaxija, għar-reliġjużi nisa, ikun bejn il-5.10 p.m. u t-8.00 p.m.. Filgħaxija jkun hemm għasar kantat u animat mis-Sorijiet Orsolini, taħdita minn Monsinjur Charles J Scicluna dwar "L-Ewkaristija fil-ħajja tal-Beati u Servi ta' Alla Maltin", ħin għal mistoqsijiet u esperjenzi u għeluq minn Monsinjur Arċisqof.

L-Erbgħa, 1 ta' Ġunju, ikun hemm attività għal-lajċi bejn is-6.30 p.m. u d-9.00 p.m. Il-programm jinkludi talb bis-sehem tal-kor Shalom tal-Mosta, taħdita minn Monsinjur Charles J Scicluna dwar "L-Ewkaristija fil-ħajja tal-Beati u Servi ta' Alla Maltin" u DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta.

Il-Ħamis, 2 ta' Ġunju jkun hemm attività oħra għal-lajċi bejn is-6.30 p.m. u d-9.00 p.m. Il-programm jinkludi talb imħejji mis-Soċjeta' tal-MUSEUM bis-sehem tal-kor In canto ta' Santa Luċija,taħdita minn Don Barba dwar "Eucaristia fa la Chiesa, la Chiesa fa l'Eucaristia" bi traduzzjoni fil-Malti. L-għeluq isir minn Monsinjur Arċisqof.

Bħala parti mill-attivitajiet ta' l-okkażjoni se ssir ukoll laqgħa għat-tfal, nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, fl-10.00 a.m. fil-Knisja ta' Santa Tereża, Birkirkara. Il-laqgħa se titmexxa minn Dun Raphael Pace, li jmexxi programm għat-tfal fuq Radju RTK. Jattendi wkoll Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

## Messaġġ ta' l-Arċisqof

Messaġġ ta' Mons. Arċisqof dwar il-Kungress Ewkaristiku jfakkar dak li qal il-Papa Benedittu XVI fl-ewwel omelija għamel fil-Kappella Sistina. Waqt li jsemmi li , b'mod sinifikattiv, il-Pontifikat tiegħu beda hekk kif il-Knisja qed tgħix is-sena speċjali ddedikata lill-Ewkaristija, il-Papa jfakkar li l-Ewkaristija hija l-qalba tal-ħajja Kristjana, l-għajn tal-missjoni evanġelika tal-Knisja, il-fus permanenti u s-sors tas-servizz petrin fdat lilu.

Il-Papa Benedittu XVI qal li għalhekk, matul din is-sena, is-Solennità tal-Ġisem ta' Kristu trid tiġi ċċelebrata b'mod partikulari u speċjali. "Nitlob lil kulħadd sabiex fix-xhur li ġejjin jintensifika l-imħabba u d-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija, u nitlobkom sabiex tesprimu l-preżenza reali tal-Mulej b'mod ċar u kuraġġuż, fuq kollox permezz tas-solennità taċ-ċelebrazzjonijiet."

Mons. Arċisqof qal li, għaldaqstant, huwa jħeġġeġ lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi biex jieħdu sehem sħiħ fil-Kungress Ewkaristiku li se jiġi organizzat f'Malta. Minbarra l-laqgħat li se jsiru fis-Seminarju tal-Virtu', "nixtieq li kulħadd jieħu sehem fil-Quddiesa ta' l-għeluq tal-Kungress li se ssir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju fuq il-Fosos, il-Floriana fis-7.30 p.m."

Fil-Knejjes kollha, tul il-Ħdud tax-xahar ta' Mejju qed tingħad talba għas-Sena tal-Ewkaristija.

**10 ta' Mejju 2005**

# BIDU UFFIĊĊJALI

Il-Kungress Ewkaristiku li se jsir fl-okkażjoni tas-Sena ta' l-Ewkaristija se jingħata bidu uffiċjali nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, b'Quddiesa Konċelebrata mmexxija minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, fis-6.00 p.m.

Wara l-Quddiesa ssir purċissjoni li tgħaddi minn Pjazza San Ġwann, Triq il-Merkanti, Triq Nofsinhar, Triq ir-Repubblika, Triq l-Arċisqof, Triq il-Merkanti u lura għall-Pjazza San Ġwann, fejn tingħata l-Barka Sagramentali.

Mistiedna speċjali se jkunu l-komunitajiet kollha tal-belt Valletta u rappreżentanza minn kull parroċċa li tinkludi tifel/tifla tal-preċett u l-ġenituri, ministru straordinarju tat-tqarbin, rappreżentant tal-abbatini, rappreżentant tal-fratellanza tas-sagrament u rappreżentant tal-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali.

**24 ta' Mejju 2005**

# ĊELEBRAZZJONI GĦAT-TFAL

Fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali, li uffiċjalment se jiftaħ il-Ħadd li ġej, nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju se ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika għat-tfal, fil-Knisja ta' Santa Tereża, Birkirkara, fl-10.00 a.m.

Il-laqgħa, li fil-qalba tagħha se tkun tikkonsisti f'talb, riflessjonijiet u kant, se titmexxa minn Dun Raphael Pace, li jmexxi programm għat-tfal fuq Radju RTK.

Jattendi wkoll Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

**25 ta' Mejju 2005**

# ĦAMES PREŻENTAZZJONIJIET BIL-POWERPOINT

Fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali, is-Segretarjat għal-Liturġija ħejja ħames preżentazzjonijiet bil-powerpoint biex jintużaw fil-laqgħat ta' tagħlim u riflessjoni dwar l-Ewkaristija li se jiġu organizzati bħala parti mill-programm ċentrali tal-Kungress u wkoll fil-parroċċi.

Il-preżentazzjonijiet jitrattaw ir-riti tal-bidu tal-Quddiesa, il-Liturġija tal-Kelma, it-tħejjija ta' l-offerti, it-Talba Ewkaristika u r-riti tat-tqarbin u l-għeluq.

It-testi tal-powerpoint ġew ukoll stampati f'fuljetti apposta bħala għajnuna kemm għal min ikun qed imexxi l-laqgħat, kif ukoll għal min ikun qed jipparteċipa.

Il-Kungress Ewkaristiku jinkludi laqgħat għas-saċerdoti, reliġjużi nisa u lajċi fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, tal-Virtu', mit-Tnejn, 30 ta' Mejju, sal-Ħamis, 2 ta' Ġunju.

Il-laqgħat għas-saċerdoti jkunu fit-30 u l-31 ta' Mejju filgħodu, għar-reluġjużi nisa fit-30 u l-31 ta' Mejju filgħaxija, u għal-lajċi fl-1 u t-2 ta' Ġunju filgħaxija.

Il-kelliem mistieden fil-Kungress se jkun Mons. Maurizio Barba, saċerdot Taljan li sa mill-1999 huwa uffiċjal tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u għad-Dixxiplina tas-Sagramenti, u li fl-2002 beda jgħallem fl-Istitut Liturġiku, Ruma.

**26 ta' Mejju 2005**

## PROGRAMM

---

**Il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2005, 10.00a.m.**
Ċelebrazzjoni għat-tfal fil-Knisja ta' Santa Tereża, Birkirkara

**Il-Ħadd, 29 ta' Mejju 2005, 6.00 p.m**
Ftuħ uffiċjali tal-Kungress Ewkaristiku. Quddiesa fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta. Wara l-Quddiesa ssir purċissjoni fit-toroq tal-belt Valletta. Mistiedna speċjali se jkunu l-komunitajiet kollha tal-belt Valletta u rappreżentanza minn kull parrroċċa li tinkludi tifel/tifla tal-preċett u l-ġenituri, ministru straordinarju tat-tqarbin, rappreżentant tal-abbatini, rappreżentant tal-fratellanza tas-sagrament u rappreżentant tal-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali.

**It-Tnejn, 30 ta' Mejju 2005, 9.00 a.m.**

Attività għas-saċerdoti, fis-Seminarju, tal-Vir`tù. Taħdita minn Mons. Maurizio Barba dwar "La novità della terza edizione tipica del Messale Romano". Ikun hemm ukoll DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta u tinfetaħ wirja ta' arti kontemporanja dwar l-Ewkaristija.

**It-Tnejn, 30 ta' Mejju 2005, 5.30 p.m.**

Attività għar-reliġjużi nisa, fis-Seminarju, tal-Virtu'. Talb animat mis-Soċjeta' tal-MUSEUM u l-kor tas-Sorijiet Agostinjani. Taħdita minn Mons. Maurizio Barba dwar "L'Eucaristia culmine e fonte della vita consacrata" bi traduzzjoni fil-Malti, Kant mis-Sorijiet Agostinjani u DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta.

**It-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2005, 9.00 a.m.**

Attività għas-saċerdoti, fis-Seminarju, tal-Virtu'. Taħdita minn Mons. Maurizio Barba dwar "Partecipazione attiva nei riti d'ingresso, di offertorio e di comunione". Ħin għal mistoqsijiet u qsim ta' esperjenzi. Għeluq minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

**It-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2005, 5.10 p.m.**

Attività għar-reliġjużi nisa, fis-Seminarju, tal-Virtu'. Għasar kantat u animat mis-Sorijiet Orsolini. Taħdita minn Monsinjur Charles J Scicluna dwar "L-Ewkaristija fil-ħajja tal-Beati u Servi ta' Alla Maltin". Ħin għal mistoqsijiet u esperjenzi. Għeluq minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

**L-Erbgħa, 1 ta' Ġunju, 2005, 6.30 p.m.**

Attività għal-lajċi, fis-Seminarju, tal-Virtu'. Talb bis-sehem tal-kor Shalom tal-Mosta. Taħdita minn Monsinjur Charles J Scicluna dwar "L-Ewkaristija fil-ħajja tal-Beati u Servi ta' Alla Maltin". DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta.

**Il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, 2005, 10.30 a.m.**

Laqgħa mar-rappreżentanti tal-media fuq il-Fosos tal-Floriana. Jingħata tagħrif dwar it-tħejjijiet għaċ-Ċelebrazzjoni li se ssir il-Ġimgħa, 3 ta'Ġunju 2005, fis-7.30 p.m., fl-għeluq tal-Kungress Ewkaristiku.

**Il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, 2005, 6.30 p.m.**

• L-Ewkaristija hija t-tifkira tal-passjoni u tal-mewt ta' Kristu.
• L-Ewkaristija hija t-testment ta' Kristu.
• Meta naraw l-Ewkaristija niftakru li Kristu bata u miet għalina.

L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 14; 56; 71 / pp. 41; 43

**25 Nfakkru l-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej**

• "Is-saċerdot waqt il-Quddiesa jagħmel dak stess li Kristu għamel fl-aħħar ċena. Kristu ħa l-ħobż u l-inbid, u biddilhom fil-ġisem u fid-demm tiegħu, offra lilu nnifsu lil Alla l-Missier, veru sagrifiċċju tal-Liġi l-ġdida. Il-Quddiesa u s-sagrifiċċju tal-Kalvarju huma ħaġa waħda".

• Beatu or Preca, Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni n. 176 / p. 33

**26 Ir-Rikreazzjoni ta' Patri Franku Karmelitan**

• "Oh! X'rikreazzjoni tassew utli, tassew pjaċevoli, u ħelwa kien isib Patri Franku quddiem Ġesù Sagramentat!

• Kien joqgħod jieħu gost ikakkru x'għadda fuqu, meta kien għadu hawn fid-dinja u x'għamel, u x'sofra, u x'qal, u kien jieqaf bil-ħsieb fuq kull pont ħafif, ħafif".

**27 Ir-Rikreazzjoni ta' Patri Franku Karmelitan**

• "Kien ifakkru, mhux għax Kristu ma jafx kollox, l-imgħoddi u l-preżent, u l-futur, imma biex b'turija tagħna bnedmin skond in-natura umana, kif aħna nużaw nittrattaw bejnietna.

• Kristu wkoll espressament uriena li huwa jrid li ana niftakru x'għamel għalina".

**28 Ir-Rikreazzjoni ta' Patri Franku Karmelitan**

• "Ekku mudell ta' dan l-eżerizzju li kien jagħmel Patri Franku Karmelitan tassew devot ta' Ġesù Sagramentat u tal-Verġni mbierka Marija Santissima"

**29 Ir-Rikreazzjoni ta' Patri Franku Karmelitan**

• "Sinjur Ġesù, tiftakar, meta ġew il-maġi mill-orjent biex jadurawk, u offrewlek deheb, inċens u morr? Inti allura kellek xi sentejn.

Beatu Ġorġ Preca, Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu (1947)
Passus LXXXVI / pp. 98-99

**30 Ir-Rikreazzjoni ta' Patri Franku Karmelitan**

• "Jiena nitgħaqqad ma' l-ispirtu tagħhom kull darba li nadurak fis-Santissimu sagrament ta' l-artal: nadurak Alla veru minn Alla veru, u bniedem veru minn bniedem veru".

**31 4. SAGRFIĊĊJU**

**32 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

• L-Ewkaristija mhux biss hija sagrament iżda sagrifiċċju wkoll.

• Is-sagrifiċċju tal-Kalvarju dwar is-sustanza huwa dak stess ta' l-aħħar ċena.

L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 21-24; 86 / pp. 41; 44

**33 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

• Fl-aħħar ċena Kristu offra lilu nnifsu sagrifiċċju lil Alla taħt ix-xbihat tal-ħob u l-inbid.

• Kristu huwa Saċerdot għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek.

• Melkisedek kien joffri lill-Altissimu ħob u nbid

• L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 21-24; 86 / pp. 41; 44

**34 L-Offerta ta' Ġesù**

• "Fil-Quddiesa Kristu huwa s-saċerdot u l-vittma, li joffri lilu nnifsu lis-Santissma Trinità bl-idejn ta' min ikun iqaddes. Għalhekk għandna ningħaqdu ma' min ikun iqaddes, li waqt il-konsagrazzjoni jkun qiegħed jagħmel dak stess li Kristu għamel fl-aħħar ena".
Beatu Ġorġ Preca, Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni 181 / p.34

**35 L-Offerta Tagħna**

• "Meta nkunu nisimgħu l-Quddiesa, ningħaqdu mas-saċerdot biex noffruha miegħu lil Alla, speċjalment waqt il-konsagrazzjoni naħsbu fis-sagrifiċċju tas-salib ta' Kristu, jiġifieri fil-passjoni u fil-mewt tiegħu. Inġibu 'l Kristu fl-aħħar ċena quddiemna bil-ħob u bl-inbid f'idejh".
Beatu Ġorġ Preca, Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni 180 / pp. 33-34

**36 Sagrifiċċju u ċaħda**

"Kristu għallimna nagħmlu tul il-ħajja tagħna kollha sagrifiċċju f'kollox, meta kkmanda lilna lkoll skulari tiegħu li niċħdu lilna nfusna.

• Beatu Ġorġ Preca, Il-Kalċi tal-Morr (1946) n. 195 / p. 31

**37**

• Tiċħad lilek innifsek tfisser ma tagħmilx dak li lilek jogħġob, tmieri lil qalbek, ma tikkuntentax in-natura tiegħek, u b'hekk għandha tidħol dejjem is-sofferenza, jew kbira jew żgħira, għax in-natura ftit jew wisq dejjem tibqa' mingħajr is-sodisfazzjon tagħha, u għalhekk tbati".
Beatu Ġorġ Preca, Il-Kalċi tal-Morr (1946) n. 195 / p. 31

**38 Sagrifiċċju li jogħġob 'l Alla**

• "Biex sagrifiċċju jkun magħġub lil Alla jenħtieġ li min jagħmlu jkollu

l-volontà tiegħu pura minn kull dnub mejjet, u li l-kawża tas-sofferenzi tkun minn xi ħaġa tal-fidi, u mhux minn xi ħaġa naturali jew temporali, għax mingħajr il-fidi żgur li ħadd ma jista' jogħġob lil Alla, kif jgħallem San Pawl".

Beatu Ġorġ Preca, Il-Kalċi tal-Morr (1946) n. 194 / p. 31

**39 Is-sofferenzi jiffurmaw il-virtujiet**

• "Alla jżejjen il-magħżulin tiegħu, li huwa jagħżel u jifred għalih innifsu, u jżejjinhom b'ġawhar prezzjuż, jiġifieri b'virtujiet kbar prodotti u ffurmati bis-sofferenzi bħal dawk li bihom żejjen il-maħbub Iben Tiegħu, li bih tgħaxxaq".

Beatu Ġorġ Preca, Il-Kalċi tal-Morr (1946) n. 125 / p. 20-21

**40 Is-sofferenti xbiha ta' Ġesù**

• "Alla jitgħaxxaq bina meta nkunu sofferenti għax jilmaħ fina x-xbiha ta' Ġesù Kristu sofferenti".

Beatu Ġorġ Preca, Kunvent tal-Kruċjati (1955) ella 68 / p. 66

**41 Is-sofferenzi rahan ta' salvazzjoni**

• "Is-sofferenzi huma li jdaħħluna fil-glorja eterna, kif igħallimna Kristu:

« Bil-paċenzja tagħkom intom issalvaw ruħkom ».

• Ħadd ma juri t-tama li jsalva ruħu jekk ma jridx jirrassenja ruħu fis-sofferenzi"

Beatu Ġorġ Preca, Kunvent tal-Kruċjati (1955) ella 69 / p. 66

**42 Offerta**

• "Nixtieq noffri [lill-Mulej] qalbi kollha kemm hi u fiha tidħol imħabba waħda u xewqa waħda: jiġifieri li nkun nippossjedi lil Alla biss, u nkun kollni kemm jiena Tiegħu; noffrilu 'l ġismi bl-għemejjel tiegħu kollha, dejjem għall-glorja tal-Mulej u f'għaqda ma' l-opri mwettqa minn Ġesù u Marija"

• Beata Marija Adeodata Pisani OSB nien tar-Ruħ kollha Mħabba (1835-1843) ħsieb għat-3 ta' Mejju 1842 / p. 41

**43 5. RINGRAZZJAMENT**

**44 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

• Glorja divina u tifħir divin jitilgħu bil-quddiesa għall-ġieħ ta' Alla.

L-Iskola Kattolika [1942] VIII (L-Ewkaristija) 95 / p. 44

**45 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

• Permezz [tal-quddiesa] aħna nirringrazzjaw denjament kif jixraq lil Alla għall-benefiċċji kollha li għamlilna. Għedt jiena denjament għax Kristu vittma huwa persuna divina inkarnata: għalhekk il-quddiesa tagħti unur infinit lil Alla.

Taħdit għat-Tfal [1920-1929] Taħdita n. 39 (Il-Quddiesa) § 2 / p. 71

**46 Grazzi Sinjur Alla**

"Għandek wisq raġuni li tkun grat lejn Alla, u li tirringrazzjah. Ħares lejn id-dinja kollha mħaluqa u osserva jekk hemmx xi ħaġa li mhix maħluqa minn Alla għas-servizz tiegħek. Sinjur hekk kbir li m'għandu bżonn ta' ħadd u ta' xejn, ħalqek u qiegħed iżommok fil-ħajja"

• Beatu Ġorġ Preca, Direttorju Spiritwali (1954-1960)

Direzzjoni n. 385 / p. 67

**47 Kull qalb trid oħra**

• "Għall-ġid immens li Alla għamel magħna ma nistgħux nikkorrispondu b'mod ieħor ħlief li nirringrazzjawh billi nkunu fidili għall-volontà tiegħu. Huwa jippretendi - u bir-raġuni kollha - li kull bniedem jirringrazzjah, għax kif jitkellem l-istess spirtu tan-natura, kull qalb trid oħra"

• Beatu Ġorġ Preca, Ix-Xbiha ta' Alla (1945) n. 43 / p. 56

**48 6.IL-PREŻENZA TA' KRISTU**

**49 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

• Ġesù Kristu veru Alla veru Bniedem jinsab fl-Ewkristija.

• Ġesù Kristu jinsab sħiħ f'kull farka kkonsagrata.

• Ġesù Kristu ma jinqasamx fil-qsim ta' l-ispeċi.

• Fl-Ewkaristija hemm biss ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid.

• Il-ħobż jinbidel fil-ġisem ta' Kristu ħaj. L-inbid jinbidel fid-demm ħaj ta' Kristu.

L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 1-6 / p. 41

**50 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

• Ġesù Kristu ma jinżilx mis-sema, iżda mill-ħob permezz tal-kliem isir il-ġisem tiegħu ħaj.

• Fil-ħobż ikkonsagrat hemm ukoll id-demm.
• Fl-inbid ikkonsagrat hemm ukoll il-ġisem.
• Ġesù Kristu huwa sħiħ kollu taħt kull speċi.
L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 7-10 / p. 41

**51**
• "Kristu fl-Ewkaristija jinsab verament, realment u sustanzjalment"
• Beatu Ġorġ Preca, It-Teżor ta' Missirijietna (1950) n. 739

**52 L-istess Kristu wieħed**
• "Kristu huwa wieħed: immela fl-Ewkaristija Kristu jinsab kif jinsab fis-sema fil-leminija t'Alla l-Missier, glorjuż u mżejjen bil-ħames pjagi tiegħu. Kristu fl-Ewkaristija huwa l-istess li qiegħed isaltan fis-sema mal-Missier u ma' l-Ispirtu Santu"
• Beatu Ġorġ Preca, Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni n. 196

**53 "Min jagħraf lil Ġesù Kristu għandu gost kbir fl-Ewkaristija"**
• Beatu Ġorġ Preca, Il-Ktieb tas-Sinjali (1942)
It-Tagħrif ta' Ġesù Kristu, n. 5 / p. 22

**54 Esperjenza ta' Dun Ġorġ Preca, saċerdot żagħżugħ (madwar l-1907)**
Irrakontata minnu stess lis-soċji: Recording madwar l-1960

**55**
• Jiena rajt diversi movimenti fin-nies, tafux, li għandhom fidi ferma. U xi minn daqqiet anqas inkun niflaħ għall-fidi tagħhom għax inħossha.
• Dak il-każ li rali meta kont żagħżugħ, saċerdot żagħżugħ:

**56**
• Il-kappillan tal-pajjiż qalli: "Agħmillhom l-Ewwel Tqarbina lit-tfal". Għidtlu: "Bil-pjaċir kollu!"
• Qaddist; It-tfal kienu qegħdin jisimgħu l-Quddiesa, Wara li xrobt il-Kali tellgħuhomli fuq it-taraġ ta' fuq ta' l-artal. Providenza kienet u ma nżiltx isfel biex inqarbinhom.

57

• Mela qabel ma qarbinthom għidtilhom li: "Intom qegħdin fil-preżenza reali ta' Ġesù, Ġesù veru Alla u veru bniedem jinsab hawn fuq l-artal, bil-ġisem bid-demm bir-ruħ bid-divinità tiegħu, veru Alla u veru bniedem".

• U mbagħad bdejt inqarben: qarbint l-ewwel tifla, it-tieni tifla, it-tielet tifla, ir-raba' tifla. Wasalt fil-ħames tifla.

58

• Kif ħriġt il-partikola mill-pissidi għidtilha: "Corpus Domini Nostri Jesu Christi".

• Imma din it-tifla terfa' għajnejha mill-art, u tefgħathom mhux fuq wiċċi imma fuq il-partikola.

• Jiena malli rajt dawk ix-xufftejn ċkejknin ta' dik it-tifla tħares lejn il-partikola u titbissmilha!

59

• Ma flaħtx iżjed ta! Tani x-xokk: bdejt nitriegħed bil-pissidi f'idi u rajt il-fidi ta' dik it-tifla!

Il-persważjoni tagħha! Qisha sejra tirċievi xi ħabib tal-qalb!

• Nissaponi għamlet lejl ma għalqitx għajn b'għajn, dik it-tifla! Rajt il-fidi tagħha u, mhux biss, rajt is-sjufija ta' qalbha!

60

Għax biex tasal titbissem 'l Alla ruħi oqgħodu ċerti li linqas attakk ma' l-iċken dnub venjali ma jħallikx titbissimlu 'l Alla. Qalb safja biss titbissem lil Alla! U kelli npoġġi ma' l-artal, inqarben waħda wara l-oħra b'tant attenzjoni. U domt ħafna biex qarbint dak in-numru ta' tfal. U nitriegħed il-ħin kollu npoġġi ma' l-artal.

61

• Għamilt urnata dik inhar ġewwa l-ġenna! Uliedi. Għax l-eżempju jkaxkar. Tatni eżempju! Edifikatni dik it-tifla. Minn daqqa t'għajn għaraft il-qalb tagħha. Għaraft il-fidi tagħa, il-persważjoni tagħha. U għaraft is-sjufija ta' qalbha.

• U wkoll bdejt naħseb ukoll kemm ħa gost Ġesù imur ġo dak is-sider tagħha innoċenti.

**62**

- Tingħaraf il-fidi uliedi!
- Tingħaraf il-fidi fil-bniedem!
- Anki l-inqas moviment tal-fidi.

**63 Għaxqa quddiem Ġesù**

"Il-bniedem t'Alla u ta' Ġesù Kristu jsib l-għors tiegħu fl-Ewkaristija u jitgħaxxaq miġbur quddiemha, persważ li hemm verament, u realment, u sustanzjalment l-istess Kristu, li huwa fil-glorja tal-Missier tiegħu.

Beatu Ġorġ Preca, Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu (1947)
Passus LXXXVI / p.98

**64 Għaxqa quddiem Ġesù**

- Iva, jitgħaxxaq, u miegħu jitkellem, u lilu jimmedita u speċjalment meta kien għadu fid-dinja sakemm miet, u rxoxta u tela' fis-sema".

Beatu Ġorġ Preca, Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu (1947)
Passus LXXXVI / p.98

**65 Maġenb il-ħabib tal-qalb**

(Ġesù jgħid): "Ir-ruħ li tħobbni, li għandha l-għatx tiegħi, tiġi tfittixni fis-Sagrament ta' l-altar fejn hija, b'fidi ferma u ħajja, toqgħod mistrieħa bħal ħabib maġenb il-ħabib tal-qalb u tinfetaħ miegħu b'atti ta' mħabba u ta' ringrazzjament"

Beatu Ġorġ Preca, Is-Sena tas-Sinjur (qabel l-1950)
Ħsieb għas-16 ta' Diċembru / p. 89

**66 L-Istedina ta' Ġesù**

(Ġesù jgħid): "Jiena ninsab verament, u realment u sustanzjalment f'dan is-Sagrament li jiena b'għaxqa kbira u b'eċċess ta' mħabba għamilt biex nieħu delizzju noqgħod ma' wlied il-bnedmin, u biex il-bnedmin isibu l-faraġ u l-ħajja fija f'dan il-wied tad-dmugħ. Ejja hawn immela spiss u ġibli n-nies biex jitqarbnu u biex iżuruni".

Beatu Ġorġ Preca, Is-Sena tas-Sinjur (qabel l-1950)
Ħsieb għas-16 ta' Diċembru / p. 89

**67 Talba quddiem Ġesù Sagramentat**

"Sinjur Ġesù Kristu, Jiena hawn u Inti fuq l-artal imqaddes – iva

persważ li Inti hawn għax għidtu Inti u tgħallmu l-Knisja nfallibli tiegħek: Inti hawn, veru Alla u veru bniedem. Inti hawn u fl-istess ħin Inti qiegħed fil-leminija ta' Alla l-Missier tiegħek - Kristu wieħed"

Beatu Ġorġ Preca Kollokju ma' Ġesù (1959) p. 3

**68 "... jiena iżda persważ ..."**

"Ġejt quddiem il-preżenza reali tiegħek, u għalkemm ma narakx għax moħbi taħt ix-xbieha tal-ħobż, jiena iżda persważ, aktar milli kieku qed narak bl-għajnejn tal-laħam tiegħi, li Inti tinsab hawn fuq dan l-artal imqaddes verament, realment u sustanzjalment bil-ġisem innifsu, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinità tiegħek,"

Beatu Ġorġ Preca Kollokju ma' Ġesù (1959) p. 3

**69 ...nadurak u nitħaddet miegħek ...**

"u tant persważ li jiena ġejt biex nadurak u nitħaddet miegħek fuq il-misteri ta' ħajtek, għax naf li Inti trid li niftakru fik, x'għamilt għalina bnedmin u x'batejt imħabba fina".

Beatu Ġorġ Preca Kollokju ma' Ġesù (1959) p. 3

**70 7. GĦAQDA U MĦABBA**

**71 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

- L-Ewkaristija hija ir-rabta ta' l-imħabba.
- Fl-Ewkaristija l-bniedem isir ħaħa waħda ma' Kristu.
- Fl-Ewkaristija Kristu wera li ma setax iħobb lill-bnedmin iktar milli ħabbu.

L-Iskola Kattolika(1942)VIII (L-Ewkaristija)43; 57-58; 60;105 / pp. 42-45

**72 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

- Kristu fl-Ewkaristija juri l-kbira xewqa u d-delizzji tiegħu li jgħammar mal-bnedmin.
- L-Ewkaristija hija r-rabta tal-Knisja kollha kemm hi.

L-Iskola Kattolika (1942)VIII(L-Ewkaristija)43; 57-58; 60;105 / pp. 42-45

**73 Tħejjija xierqa għat-Tqarbin**

- "Għat-tqarbin ipprepara ruħek b'fidi ħajja, u b'tama kbira, b'imħabba

kbira, b'umiltà profonda, u b'indiema kbira, u b'xewqa kbira li tirċievi 'l Ġesù".

Beatu Ġorġ Preca Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni n. 441 / p. 77

**74 L-Għaqda ma' Ġesù**

• "Min jagħraf lil Ġesù impossibbli li ma jkunx irid jingħaqad miegħu permezz tas-Santissimu Sagrament ta' l-altar"

Beatu Ġorġ Preca Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni n. 441 / p. 77

**75 Pjanta tal-Ward Aħmar**

"Niżra fil-ġnien [ta' qalbi] pjanta tal-Ward aħmar ... Jikbru l-Ward billi r-ruħ tisma' l-Quddiesa u titqarben, filwaqt li tagħmel atti ta' mħabba u toffri lilha nfisha flimkien ma' atti ta' fidi u ta' tama li hija twettaq biex tqim lis-Sinjur tagħha".

Beata Marija Adeodata Pisani OSB ġnien tar-Ruħ kollha Mħabba (1835-1843) ħsieb għall-15 ta' Awissu 1835 / p. 12

**76 It-Tqarbin ta' spiss**

"Il-Qrar ta' spiss u t-Tqarbin ta' spiss huma l-bastiment li jwassal ir-ruħ fil-port tas-saħħa, bastiment potenti li jissupera kull ruxija ta' tempesti".

Beatu Ġorġ Preca Ristrett tat-Trattat fuq is-Salvazzjoni tar-Ruħ (1958) n. 8 / X'Għandna nagħmlu ... p. 43

**77 L-imħabba lejn Alla**

"(Huwa) delizzju t'Alla li nkunu Miegħu fil-grazzja tiegħu, li aħna nirrikorru lejh f'kull bżonn tagħna, li aħna nisimgħu il-kelma tiegħu u li nagħmlu kollox biex nogħġbuh".

Beatu Ġorġ Preca Ix-Xbiha ta' Alla (1945) n. 14 / 38

**78 L-imħabba lejn il-proxxmu**

"Alla hu Missier kulħadd u tana l-kmandament li ninħabbu billi nagħmlu wieħed lil ieħor dak li rridu jkun magħmul lilna u billi ma nagħmlux dak li ma rridux li jkun magħmul lilna"

Beatu Ġorġ Preca Ix-Xbiha ta' Alla (1945) n. 13 / p. 37

## 79 8. SILENZJU

**80 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

• Fit-Tqarbin għandu wieħed iħejji ruħu bil-ġabra u jirringrazzja minn qalbu.

• Min ikun tqarben m'għandux joħroġ qabel għaxar minuti almenu.

L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 99; 98 / p. 44

**81 "Oh! x'ġid fih is-silenzju:**

"iqanqal 'l Alla biex jitkellem ma' min jipprattikah, iżomm kuxjenza safja, iżomm il-konkordja, u jimla l-moħħ bir-riflessjoni u bil-ġabra".

Beatu Ġorġ Preca L-Aħħar Deċiżjoni (1958)

X'Għandna nagħmlu biex insalvaw ruħna / p. 58

**82 Iskot ... Sofri ... Adem**

"Tliet kelmiet prezzjużi x'tosserva: li tiskot, li ssofri, u li taħdem. Hemm ġid kbir għalik li tiskot u speċjalment meta inti aġitat; hemm ġid kbir għalik li ssofri bir-rassenjazzjoni; hemm ġid kbir għalik li taħdem għall-glorja ta' Alla"

Beatu Ġorġ Preca Direttorju Spiritwali (1954-1960)

Direzzjoni n. 312 / p. 55

**83 Il-ġabra**

"Biex wieħed ikun perfett għandu jersaq bl-ikbar ġabra kemm jista' għat-Tqarbin Imqaddes, u kuljum jekk jista' jkun"

Beatu Ġorġ Preca Il-Ktieb tal-Mezzi (1942)

X'għandu jagħmel biex wieħed ikun perfett? n. 18 / p. 89

**84 Nilqa' lill-Mulej**

• "Nipproponi li ma nħalli qatt it-Tqarbin Imqaddes minħabba skrupli jew għal xi raġuni oħra li ma tkunx ġusta; iżda nilqa' lill-Mulej bl-imħabba kollha, bl-umiltà u bl-ubbidjenza"

Beata Marija Adeodata Pisani OSB ġnien tar-Ruħ kollha Mħabba (1835-1843) sieb għall-15 ta' Awissu 1835 / p. 20

**85 Devozzjoni Vera**

• Il-biża l-kbira tal-persuni li ġew imsejjaħ biex jagħtu x-xhieda

tagħhom fil-Kawża tal-Beatifikazzjoni tal-Kjeriku Nazju Falzon stqarrew li huma waslu għall-konklużjoni li hu qaddis mis-sens ta' ġabra li biha kienu jarawh jitlob, l-aktar quddiem Ġesù Sagramentat.

• Il-Beatu Falzon kien imur jitlob kemm fil-Knisja Arċipretali ta' San Pawl Nawfragu kif ukoll fil-Knisja ta' Ġieżu il-Belt Valletta.

## 86 9. ADORAZZJONI

### 87 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca

• L-Ewkaristija għandha tkun adorata b'kult latrija.

• Fl-Ewkaristija hemm it-Tieni Persuna magħmula bniedem.

• Dwar is-S.ma Trinità fejn tinsab Persuna, jinsabu magħha wkoll it-tnejn l-ora.

L-Iskola Kattolika [1942] VIII (L-Ewkaristija) 74-78; 62 / p. 43

### 88 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca

• Kristu fl-Ewkaristija huwa fil-leminija ta' Alla l-Missier.

• In-natura u r-raġuni fl-Ewkaristija jisktu għal kollox.

• Grazzji kbar hemm għal min iżur lil Ġesù Sagramentat.

L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 74-78; 62 / p. 43

### 89 Qima fejjieda

"Fid-dinja m'hawnx opra tajba bħalma hija l-Quddiesa. Biha tagħraf 'l Alla b'Sinjur u bi Kreatur, u tadurah bl-ispirtu u bil-verità, biha inti tirringrazzja 'l Alla għall-ġid li tak u li jagħtik, biha tħallas id-dejn tiegħek ma' Alla, u biha tikseb il-favuri, u l-għajnuniet tas-sema".

Beatu Ġorġ Preca Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni n. 174

### 90 Adorazzjoni sinċiera

"X'jiswa li wieħed jintefa' għarkubbtejh b'wiċċu ma' l-art jadura 'l Alla, jekk il-volontà tiegħu hija kontra Alla billi jrid id-dnub, billi ma jaħrabx l-okkażjoni prossma tad-dnub, billi ma jkunx irid ibiddel ħajtu, jikkonverti lejh?"

Beatu Ġorġ Preca Is-Sena tas-Sinjur (qabel l-1950)
Ħsieb għall-5 ta' Lulju / p. 46

**91 "... nadurak u nbierkek ..."**
"B'gost ta' l-ispirtu tiegħi jiena nadurak u nbierkek fil-misterju tat-Trasfigurazzjoni tiegħek,
Beatu Ġorġ Preca Kollokju ma' Ġesù (1959) p. 5

**92 "... nadurak u nbierkek ..."**
"meta wiċċek sar jiddi bħax-xemx, libstek saret bajda bħas-silġ, u ġew Mosè u Elija jitħaddtu miegħek, u l-vuċi tal-Missier qalet: «Dan hu l-Iben maħbub tiegħi, li bih tgħaxxaqt: Lilu isimgħu»".
Beatu Ġorġ Preca Kollokju ma' Ġesù (1959) p. 5

**93 Gotja ta' Adorazzjoni**
"Nixtieq nikkonsagra lill-Mulej ir-ru tiegi kollha kemm hi b'gemejjel bla ma jaqtgu ta' adorazzjoni lill-Qawwa Tiegu, b'gemejjel ta' qima u ta' radd il-ajr lill-Gerf Tiegu, u b'gemejjel ta' mabba lit-Tjubija Tiegu"
Beata Marija Adeodata Pisani OSB nien tar-Ru kollha Mabba (1835-1843) sieb gat-3 ta' Mejju 1842 / p. 41

**94 10. FERĦ U PAĊI**

**95 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**
• In-nisrani, persważ li Kristu huwa preżenti, u li huwa hu l-uniku oġġett ta' l-imħabba ta' qalbu, iġarrab faraġ tassew kbir f'dan is-sagrament, u hawn biss huwa d-dulur ta' qalbu: li jkollu jippriva ruħu minn dan l-ikel divin.
Taħdit għat-Tfal (1920-1929) Taħdita n. 20 (It-Tqarbin) § 2 / p. 37

**96 It-Tqarbin jikkonserva l-ħajja tar-ruħ**
"Tqarben kemm jista' jkun spiss, għax it-Tqarbin jikkonserva l-ħajja tar-ruħ, u jagħtiha l-forza u jġibilha grazzji u vantaġġi bla numru: u jagħtiha s-sinjal tal-ħajja ta' dejjem. Kristu qal li min ikun kiel minn dan il-ħob igħix għal dejjem".
Beatu Ġorġ Preca Direttorju Spiritwali (1954-1960)
Direzzjoni n. 321

**97 "Min hu ppredestinat jirċievi spiss l-Ewkaristija"**
Beatu Ġorġ Preca Il-Ktieb tas-Sinjali (1942)
Il-Predestinazzjoni 11 / p. 31

**98 Il-ferħ tassew**

"Jiena għandi nistħajjel li m'hawn xejn aktar fid-dinja għajr Alla u jien... L-għana kollu tagħna qiegħed fit-talb. Min jitlob jaqla dak li jitlob... Id-dinja kollha ma tistax tissodisfa l-qlub tagħna, Alla biss jissodosfahom..."

Beatu Nazju Falzon The Comfort of the Christian Soul

**99 Il-ferħ tassew**

Min jixtieq biss lil Alla hu għani u hieni: ma jonqsu xejn u jqis id-dinja xejn... X'ferħ akbar tista' ġġarrab ir-ruħ milli tkun taf li hi qegħda togħġob lil Alla...Hi grazzja ta' Alla li tkun imsejjaħ għall-imħabba tiegħu".

Beatu Nazju Falzon The Comfort of the Christian Soul

## 100 11. MISSJONI U ĦIDMA

**101 Tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca**

- It-Tqarbin isaħħaħ il-ħajja tar-ruħ, bħalma l-ikel dik tal-ġisem.
- Ma jiflaħx jikkumbatti min ma jsostnix lilu nnifsu.

L-Iskola Kattolika (1942) VIII (L-Ewkaristija) 102; 84 / p. 44

**102 Għajnuna fl-għamil it-tajjeb**

"Biex wieħed jippersevera fl-għamil it-tajjeb għandu jersaq tassew dispost u ta' spiss biex jirċievi l-ħobż Ewkaristiku li jagħti l-vera ħajja"

Beatu Ġorġ Preca Il-Ktieb tal-Mezzi (1942)
Il-Perseveranza n. 3 / p. 108

**103 L-Opra Tajba**

- "Opra tajba hija fiha nnifisha olokawstika, ewkaristika, sodisfatorja u impetratorja"

Beatu Ġorġ Preca It-Teżor ta' Missirijietna (1950) n. 2003 / p. 72

**104 Opra tajba hija olokawstika**

Biha naduraw 'l Alla

**105 Opra tajba hija ewkaristika**

Biha nirringrazzjaw lill-Mulej

**106 Opra tajba hija sodisfatorja**
Biha inħallsu għal dnubietna

**107 Opra tajba hija impetratorja**
Biha naqilgħu l-grazzji

**108 Konlużjoni**

**109**
"Minn qatt kien jemmen li kieku ma għedtux inti li tat ix-xbiehat tal-ħobż u ta' l-inbid tkun inti nnifsek?"

**110**
• "Int ħdimt dan il-misteru tal-fidi bis-sapjenza tiegħek, bl-imħabba tiegħek, u bl-omnipotenza tiegħek".

**111**
• "U min għarfek jemmen u jbaxxi rasu, u jadura l-verità ta' kliemek"
Beatu Ġorġ Preca Salm Vanġeliku tas-Sirjaku (1950) p.49

**112**
Il-fidili jsibu għal ruħhom veru wens, veru konfort, veru delizzju, vera mediċina, veru ikel ta' għajnuna spiritwali f'dan is-Santissimu Sagrament ta' l-artal"
Beatu Ġorġ Preca *Il-Pulptu ta' Patri Franku* [1954] Pulptu n. 34 (Ġesù Ewkaristija) § 2 / p. 53

**113**
"Nikkonkludi billi nħeġġiġkom li kuljum ninvitaw lil Gesù Sagramentat għax Hu qiegħed magħna fuq l-artali biex nieħdu mit-teżori tiegħu kull bżonn tagħna, biex nifthu qalbna miegħu u biex nitfarrġu bil-presenza tiegħu ta' veru ħabib tagħna, ta' veru wieħed mill-aħwa tagħna. Amen"
Beatu Ġor Preca *Il-Pulptu ta' Patri Franku* [1954] Pulptu n. 34 (Ġesù Ewkaristija) Konklużjoni / p. 54

**114 O Ġesù Ewkaristija, Kun int il-ferħ u l-hena ta' ħajti kollha**

# ĊELEBRAZZJONI TA' GĦELUQ IL-KUNGRESS EWKARISTIKU

**Omelija ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca**

## Nifthu qalbna beraħ għal Ġesù Ewkaristija

Inġbarna flimkien f'din is-Sena ta' l-Ewkaristija u fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù biex bis-sehem taż-żewġ djoċesijiet ta' Malta u Għawdex niċċelebraw l-għeluq tal-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali li kellu l-bidu tiegħu nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2005.

Hija okkażjoni ta' festa u ferħ kbir għall-Knisja Kattolika f'dawn il-gżejjer. Mimlijin ħeġġa u kuraġġ inħossu li għandna nduru lejn Alla, Missierna t-twajjeb, u b'umilta' nirringrazzjawh talli għoġbu jnebbaħ il-Knisja f'Malta tniedi dan il-Kungress Ewkaristiku u għenha twasslu għat-tmiem.

Minn wara ċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ tal-Kungress sat-tmiem tiegħu, saru kuljum mumenti ta' talb minn numru sabiħ ta' saċerdoti, reliġjużi rġiel u nisa, u lajċi. Dawn kienu jiġu animati minn diversi korijiet. Saru taħditiet kif ukoll mistoqsijiet u qsim ta' esperjenzi dwar is-Sagrament ta' l-Ewkaristija. Ġiet ukoll apprezzata l-laqgħa informali ma' l-artisti li ħadu sehem fil-wirja ta' l-arti.

## Misteru profond

Il-għan prinċipali ta' dan il-Kungress Ewkaristiku huwa li aħna lkoll, nies konsagrati u lajċi, nistagħnew b'aktar tagħrif siewi dwar Ġesù Ewkaristija u hekk nitħeġġu biex insiru qaddisin bħal Missierna li qiegħed fis-smewwiet. Hekk inkunu f'pożizzjoni li nistgħu nibnu mill-ġdid Malta aħjar.

Ġesù Ewkaristija huwa l-misteru profond tal-Knisja Kattolika u t-teżor l-aktar għażiż tagħha. L-Ewkaristija hija misteru ta' intimità misterjuża u dinamika, fejn il-bniedem, imdawwal mill-fidi u mżejjen bil-grazzja jsir ħaġa waħda ma' Kristu. L-Ewkaristija hija sagrament ta' l-għaġeb.

Fl-Ittra Apostolika tiegħu "Mane Nobiscum", il-maħbub u mibki Papa Ġwanni Pawlu II jgħidilna li taħt il-velu tal-ħobż u l-inbid ikkonsagrati jinsab verament, realment u sostanzjalment Kristu Rxoxt.

Fi kliem ieħor, l-Ewkaristija hija Kristu nnifsu kif jinsab fis-sema. Il-Papa Ġwanni Pawlu II iħeġġiġna lkoll inkabbru u nxerrdu ma' kulħadd id-devozzjoni u l-fidi f'Ġesù Ewkaristija.

Il-Beatu Ġorġ Preca jgħidilna li l-Ewkaristija, li hija sagrament u sagrifiċċju, mhix figura ta' Kristu, iżda Kristu nnifsu, id-demm, ir-ruħ u d-divinità tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu. Imsaħħar minn dan il-kobor, il-Beatu Ġorġ Preca nfexx jgħid lil Ġesù: "Min qatt kien jemmen, li kieku m'għidtux inti, li taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid tkun int innifsek?" Ikompli jgħidilna li fl-Ewkaristija, Ġesù Kristu wera li ma setax iħobb lill-bniedem iktar milli ħabbu.

Dan il-ftit għarfien dwar l-Ewkaristija, huwa wkoll għalina grazzja providenzjali biex insaħħu l-fidi tagħna fl-Ewkaristija u hekk ikollna l-ħila nibnu mill-ġdid ħajjitna fuq il-verità, fuq dak li Ġesù ikkmandana nagħmlu b'tifkira tiegħu fl-aħħar ċena.

## Ambjent perikoluż

Huwa fatt li d-dnub li daħal fl-ewwel bniedem niġġes lil kulħadd. Dan jgħodd ukoll għalina l-Maltin. Madankollu, sa ftit snin ilu, kull Malti, tneħħi xi wħud, kien iħossu kburi jistqarr li hu Kattoliku, li minkejja n-nuqqasijiet tiegħu jrid ifassal ħajtu fuq it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja.

Il-lum, pero', ninnotaw li f'pajjiżna beda jonfoħ ġmielu riħ ieħor. Kristu m'għadux dejjem il-mudell waħdieni tagħna. Insibu fostna, u kultant anke niġru warajhom, mudelli oħrajn li jqajmu u jsaħħu l-indifferenza reliġjuża, ir-relattiviżmu, il-lajċiżmu, il-konsumiżmu bla kontroll u mudelli oħrajn.

Saħansitra ssib fostna, għalkemm f'numru ċkejken ħafna, min irid jara li bħalma qed jiġri xi ftit f''pajjiżi oħra, tiġi introdotta f'Malta l-għaqda ta' żewġ persuni ta' l-istess sess, fuq il-mudell ta' żwieġ bejn raġel u mara.

Dan hu kontra l-istess natura u r-rieda ta' Alla. Dan juri li qed jinħoloq fostna ambjent li hu perikoluż u ħażin ħafna għaż-żgħar u t-tfal.

Ir-relattiviżmu, per eżempju, diġa' qed jiżra' ħafna ħsara kbira fostna. Ir-relattiviżmu jġiegħlni nħoss li kull ma jogħġobni nagħmel u ngħid skond iċ-ċirkustanzi u l-aptit tiegħi, mingħajr ma nara Alla x'qed jgħidli, hu tajjeb. Qegħdha titwarrab il-verità, Ġesù nnifsu, biex floku jmexxuna l-emozzjoni, l-aptit, ir-rieda tiegħi. Dan l-istil ta' ħajja qed jindara sewwa f'Malta. Kollox qed isir qiesu mhu xejn. Din hija stonatura kbira fil-ħajja tan-nisrani. Kultant, anke l-mezzi ta' komunikazzjoni jrewwħu dan ir-riħ.

Jinstab ukoll min iħoss li ċerti preċetti ta' Ġesù — bħal li tħobb lill-għadu tiegħek, taħfer malajr lil min jagħmillek il-ħsara, tkun ġust u ma tħarisx lejn uċuħ fl-eżerċizzju ta' xi setgħa li jista' jkollok, ma tisraqx fil-pagi ta' min jaħdimlek u ma tiddawwarx iż-żejjed biex tħallsu, tkun onest fix-xogħol tiegħek, il-miżżewġin ma jonqsux mill-fedeltà lejn xulxin — huma preċetti diffiċli u ma tasalx biex tħarishom.

Nistħajjel li xi ħadd jixtieq jistaqsini u jgħidli: 'X'messaġġ trid twasslilna b'din l-istampa li wrejtna?' Il-messaġġ tagħtihulna l-Ewkaristija Mqaddsa. Ġesù qed jgħidilna: 'La tibżgħux. Jien ma nħallikomx waħidkom fil-mixja tagħkom lejn l-art imwegħda. Jien magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet.'

Dan il-messaġġ iħeġġiġna biex ma ningħalqux fina nfusna; irridu biss niftħu qalbna beraħ għal Ġesù fl-Ewkaristija. Dan hu r-rimedju li jagħtina l-qawwa biex nieqfu lil dak kollu li qed idgħajjef il-ħajja nisranija fostna. Ir-rimedju huwa Ġesù nnifsu. Ir-rimedju huwa li nqajjmu dejjem aktar il-fidi tagħna fl-Ewkaristija.

Din l-assikurazzjoni personali ta' Kristu nnifsu mhux kulħadd iniżżilha. Ħadd madankollu m'għandu s-setgħa li jċekken il-preċetti li tana Ġesù. Min jazzarda jagħmel dan b'xi pariri lil ħaddieħor ikun qed jiżbalja u jqarraq b'ħaddieħor.

Ġesù qatt ma biddel xejn mit-tagħlim u l-preċetti tiegħu. Huwa ippropnielna l-verità, li għandha l-qawwa tagħmilna nies li nħobbu tassew id-dinjità tal-bniedem.

## Kulħadd jeħtieġ l-Ewkaristija

Fl-okkażjoni ta' l-għeluq ta' l-24 Kungress Ewkaristiku fl-Italja, li sar f'Bari, fid-29 ta' Mejju li għadda, il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI qal li anke aħna li nistqarru li aħna Kattoliċi u spiss nisimgħu l-Kelma ta' Alla, ma naslux biex ngħixu verament ta' nsara mingħajr l-Ewkaristija.

L-insara, sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja, kienu jħossu li m'għandhomx il-qawwa meħtieġa biex jissieltu mat-tfixkil, diffikultajiet u tentazzjonijiet tal-ħajja mingħajr ma jirċievu l-Ewkaristija.

Il-poplu Lhudi ma kienx kapaċi, mingħajr ir-rigal tal-manna, mibgħutha lilu minn Alla, ikompli triqtu fid-deżert. Permezz tal-manna, Alla widdeb il-poplu Lhudi u qallu: "Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, iżda b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej." Il-manna ta' l-Antik Testment talludi għal dak li stqarr Ġesù fuqu nnifsu: "Tassew, tassew ngħidilkom, li jekk ma tieklux il-ġisem ta' Bin il-Bniedem u ma tixorbux demmu ma jkollkomx il-ħajja ta' dejjem." Hawn, il-manna tirreferina għall-Ewkaristija.

Huwa veru li aħna kultant inħossu li ċerti preċetti ta' Kristu huma difiċli; anzi ġieli narawhom impossibbli li tħarishom. Ġesù Ewkaristija pero' jgħidilna li min jersaq lejh u jirċivieh kif jixraq, dawn il-preċetti li jinħassu tqal isiru possibbli u faċli.

Jekk jiena nħossni spiritwalment marid jew mejjet, dan aktarx ikun jew għax ma nkunx qed nersaq lejn l-Ewkaristija jew għax nirċieviha ħażin.

Biex ngħixu verament ta' nsara, mhux biżżejjed li nisimgħu l-Kelma ta' Alla. Jeħtieġ li, permezz ta' l-Ewkaristija, nieklu l-ġisem ta' Kristu u nixorbu demmu. Huwa bl-Ewkaristija li aħna niksbu l-qawwa u l-kuraġġ li nirbħu kull ma jista' jfixkilna fil-ħajja nisranija u onesta tagħna. Hekk kif il-Lhud, biex ikomplu triqthom fid-deżert, flimkien mal-liġi kellhom bżonn ukoll il-manna, hekk ukoll aħna, flimkien mal-Kelma ta' Alla hu meħtieġ li nirċievu l-Ewkaristija kif jixraq.

L-għajnuna li aħna ninħtieġu huwa Ġesù nnifsu fl-Ewkaristija. Permezz ta' l-Ewkaristija aħna nibqgħu fi Kristu, għax hu jibdilna fih. L-ikel

materjali li nieklu, imbiddluh fina għal saħħitna; iżda l-ikel spiritwali, l-Ewkaristija, il-ġisem u d-demm tal-Mulej taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid, ma nibdluhx fina imma jibdilna Hu fih.

Hekk wieħed jifhem għaliex, kif assigurana Alla, dak li jinħass iebes għall-bniedem, bl-għajnuna ta' Ġesù aħna nkunu kapaċi ngħixu kif ikkmandana Hu. Kien għalhekk li l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI qalilna: "L-obbligu tas-smigħ tal-Quddies nhar ta' Ħadd mhuwiex sempliċement dmir, obbligu impost minn barra. Li tippertċipa fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd u titmantna bil-ħobż ewkaristiku huwa ħtieġa, neċessità għan-nisrani biex isib dik l-enerġija meħtieġa għal matul il-vjaġġ ta' ħajtu." Fid-diffikultajiet tagħna ma nkunux waħidna, imma jkollna dejjem il-qawwa ta' Kristu magħna, li tagħmilna kapaċi nirbħu kull dnub. Din hija l-assigurazzjoni personali li tana Ġesù nnifsu.

## Fil-vjaġġ tal-ħajja

Biex inkunu kapaċi nirbħu l-għejja, it-tbatija, it-tentazzjonijiet li niltaqgħu magħhom matul il-vjaġġ tempesta tal-ħajja tagħna, huwa neċessarju li nieħdu l-Ewkaristija speċjalment f'Jum il-Mulej.

L-appell tiegħi nindirizzah b'mod speċjali u partikolari lill-ġenituri. Inħeġġeġ ħafna lill-ġenituri biex Jum il-Mulej jgħożżuh billi, fejn ikun possibbli, imorru għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristrija flimkien u jieħdu magħhom lil uliedhom żgħar. Inħeġġiġhom ħafna wkoll biex il-Jum tal-Ħadd jgħixuh bħala jum speċjali li jġib il-familja flimkien u li jgħinha tikber fl-imħabba ta' Ġesù u l-liġi tiegħu.

Jalla lkoll nagħrfu nimxu dejjem skond il-liġi tal-Mulej.

Ġesù Ewkaristija jberikna lkoll.

**Il-Fosos tal-Floriana**

**03 ta' Ġunju 2005**

# ĊELEBRAZZJONI TA' GĦELUQ IL-KUNGRESS EWKARISTIKU
## Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI

Fl-okkażjoni ta' għeluq il-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali fil-gżejjer Maltin, il-Papa Benedittu XVI bagħat dan il-messaġġ lil Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca:

Lill-Venerabbli Ħuna
Wisq Reverendu Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

Insellem bil-ferħ lilek u lill-isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u lajċi kollha li ngħbartu flimkien biex tiċċelebraw il-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali f'Malta. Nibgħat ix-xewqat tajba kordjali tiegħi wkoll lid-dinjitarji ċivili preżenti fiċ-ċerimonja ta' l-għeluq u lin-nies kollha tal-gżejjer għeżież tagħkom. Maħbubin uliedi, il-Paċi Magħkom!

Ave verum corpus, Insellmu lill-ġisem veru ta' Kristu. Dan il-kliem minn antifona antika jfakkarna li Kristu hu realment preżenti fl-Ewkaristija. Verament hu jagħtina ġismu biex niekluh fix-xbieha tal-ħobż, il-ħobż li hu mimli b'kull ħlewwa. Intom għażiltu li tirriflettu fuq l-importanza tal-Preżenza Reali ta' Kristu fl-Ewkaristija bħala għajn ta' ħajja għall-Knisja. L-Iben ta' Alla jagħti lilu nnifsu lilna bħala ikel tas-sema, u hekk jagħtina l-qawwa għall-vjaġġ tagħna. Nitlob li l-poplu kollu ta' Malta jikber kuljum fis-sens ta' stagħġib tiegħu quddiem il-misteru straordinarju ta' l-Ewkaristija, dan il-ħobż tas-sema li jagħti ħajja eterna lil dawk li jirċievuh.

Iċ-ċerimonja ta' l-għeluq tagħkom qed issir fl-istess jum tal-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, meta l-Knisja kollha tiċċelebra l-misteru ta' l-imħabba ta' Kristu. Fl-ilma u d-demm li ħareġ mill-ġerħa ta' ġembu kif kien imdendel fuq is-Salib aħna naraw sinjal ta' dik l-imħabba li ħierġa mis-sagramenti tal-Magħmudija u ta' l-Ewkaristija. Nistieden lill-poplu

ta' Malta biex iġedded id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u jixorb dejjem iktar mill-għajn tal-grazzja li tagħti l-ħajja li hija l-ħajja sagramentali tal-Knisja.

Filwaqt li nirrikmanda l-poplu kollu tagħkom għall-interċessjoni materna ta' Marija, il-Mara ta' l-Ewkaristija, minn qalbi nagħti l-Barka Apostolika lilkom miġburin għal din l-okkażjoni u lill-familji u l-maħbubin tagħkom.

**Mill-Vatikan, 03 ta' Ġunju 2005**

**Benedictus XVI**

## ĊELEBRAZZJONI TA' GĦELUQ IL-KUNGRESS EWKARISTIKU
## Messaġġ ta' ħajr mill-Arċisqof ta' Malta lill-Papa Beneditu XVI

**Santità,**

L-Arċisqof ta' Malta u President tal-Konferenza Episkopali Maltija, l-Isqfijiet l-oħra Maltin, miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, mas-saċerdoti, reliġjużi, Awtoritajiet Ċivili u għadd kbir ta' lajċi fl-okkażjoni ta' l-Għeluq tal-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali f'din is-Sena Ewkaristika, jilqgħu bil-ferħ u jroddu ħajr lill-Qdusija Tiegħek għall-Messaġġ u l-Barka Apostolika li għoġbok tibgħat lill-poplu Malti u Għawdxi fil-bidu tal-Pontifikat tiegħek.

Waqt li jġeddu t-twemmin tagħhom fil-Misteru ta' l-Ewkaristija, iwegħdu li jibqgħu jżommu l-għaqda tagħhom mal-Maġisteru tas-

Suċċessur ta' San Pietru bħala wlied denji ta' l-Apostlu Missierna San Pawl. Ilkoll għalenija jsellmulek bil-kliem li għallimna l-Beatu Ġorġ Preca: Salve Papa noster - Sliem għalik Missier tagħna, Salve Petra Fidei - Sliem għalik blata tal-Fidi, Salve coeli janitor - Sliem għalik muftieħ tas-sema, et Dominius sit tecum - u l-Mulej ikun miegħek. Jitolbu lill-Mulej ikompli jseddaq il-Ministeru Universali tal-Qdusija Tiegħek bi frott spiritwali kbir ta' għaqda u qdusija b'riżq l-insara kollha kif ukoll ta' paċi u solidarjeta' fost il-popli kollha tad-dinja.

✠ Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta
President tal-Konferenza Episkopali

**03 ta' Ġunju 2005**

CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
ST.GEORGE'S FIEF STREET
VICTORIA GOZO
TEL. 2156 0479

(ikompli mill-qoxra ta' barra)

## KUNGRESS EWKARISTIKU NAZZJONALI


Kungress Ewkaristiku Nazzjonali – tħabbira ........ 324
Bidu Uffiċjali ........ 327
Ċelebrazzjoni għat-tfal ........ 328
Ħames preżentazzjonijiet bil-Powerpoint ........ 328
Programm ........ 329
Ittri ta' l-Arċisqof lil kategoriji differenti fi ħdan il-Knisja ........ 331
Laqgħat ta' Formazzjoni ........ 333
Quddiesa tal-Ftuħ: Omelija ta' Mons Arthur Said Pullicino ........ 334
Taħditiet għas-saċerdoti u r-reliġjużi nisa ........ 338
Taħdita ta' Mons Maurizio Barb (bit-Taljan) ........ 339
Żewġ taħditiet oħra għas-saċerdoti u r-reliġjużi nisa ........ 354
Taħdita ta' Mons Maurizio Barba (bit-Taljan) ........ 354
Taħditiet għal-lajċi ........ 370
Script tal-preżentazzjoni ta' Mons Charles Scicluna ........ 371
Ċelebrazzjoni ta' l-Għeluq: Omelija ta' Monsinjur Arċisqof ........ 389
Ċelebrazzjoni ta' l-Għeluq: Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI ........ 394
Messaġġ ta' Ħajr mill-Arċisqof lill-Papa Benedittu XVI ........ 395


Ref

## WERREJ

### DOKUMENTI MILL-KNISJA UNIVERSALI


CCEE Statement on the Commemoration Day for Europe ........ 257
Pope Benedict XVI: Homily Possession of the Chair of the Bishop of Rome 7.05.2005 ........ 258
Papa Benedetto XVI: Rescritto Inizio Processione di Beatificazione fi Giovanni Paolo II 13.05.2005 ........ 264
Papa Ġwanni Pawlu II: Messaġġ għall-Ġurnata Missjunarja ........ 265
Pope Benedict XVI: Mass of Priestly Ordination 15.05.2005 ........ 268
Pope Benedict XVI: Address at the viewing of a film on the life of Pope John Paul II 19.05.2005 ........ 275
Pope Benedict XVI: Homily – Corpus Domini 26.05.2005 ........ 277
Pope Benedict XVI: Homily – Bari Eucharistic Congress 29.05.2005 ........ 281
COMECE: Statement on situation in European Union – 14th June 2005 . 287
Papa Ġwanni Pawlu II: Messaġġ għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, Cologne, Awissu 2005 ........ 289


### DOKUMENTI MILL-KURJA


L-għażla tal-Papa Benedittu XVI: Omelija ta' Monsinjur Arċisqof 30.04.2005 ........ 294
San Ġużepp Ħaddiem: Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof 29.04.2005 ........ 298
Jum Komunikazzjoni Soċjali 2005: Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof 6.05.2005 ........ 301
Ċelebrazzjoni ta' Vġili ta' Għid il-Ħamsin: Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof 14.05.2005 ........ 306
Ċirkolari 477: Ċelebrazzjoni Djoċesana fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin 3.05.2005 ........ 309
Ċirkolari 478: Talbiet għal ġbid ta' xeni f'postijet sagri 3.05.2005 ........ 310
Ċirkolari 479: Ġabra għall-Karità tal-Papa 13.05.2005 ........ 311
Jum il-Familja: Messaġġ tal-Kummissjoni Familja ........ 312
Dikjarazzjoni ta' l-Arċisqof dwar tagħlim żbaljat 24.05.2005 ........ 313


### STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA


Laqgħa fil-Mellieħa għall-ommijiet tal-Missjunarji ........ 314
Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin ........ 315
Opinjoni tal-Kummissjoni Djoċesana Ambjent dwar l-iżvilupp fil-Wied tal-Kalkara ........ 316
Dikjarazzjoni ta' l-Awtoritajiet tal-Knisja dwar il-"PG 1st Foundation" .. 318
Il-Catholic Enquiry Centre jifrex is-servizz tiegħu ........ 319
Twaqqif tal-Kummissjoni Kultura ........ 320
Festa ta' San Pietru u San Pawl fil-Kattidral ........ 321
Ir-Relikwija tal-Beatu Nazju Falzon fil-Kappella ta' l-Isptar San Luqa .. 322
Il-Papa jippreżenta l-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika ..... 323


**(ikompli fil-qoxra ta' ġewwa)**